Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Settembru 2016
(OR. en)

10973/16
ADD 10

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0206 (NLE)

WTO 195
SERVICES 20
FDI 16
CDN 12

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

Skeda tal-Kanada - Provinċjali u Territorjali

Riżervi applikabbli f'Alberta

Riżerva I-PT-1

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Kontabilità Awditjar u servizzi ta' żamma tal-kotba
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 862
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*Regulated Accounting Profession Act*, R.S.A. 2000, c. R-12 *Certified General Accountants Regulation*, Alta. Reg. 176/2001 *Certified Management Accountants* Regulation, Alta. Reg. 177/2001 *Chartered Accountants Regulation,* Alta. Reg. 178/2001
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Min japplika biex jiġi rreġistrat bħala membru regolat irid iforni prova ta' ċittadinanza Kanadiża jew prova li kien ammess legalment jew awtorizzat li jaħdem fil-Kanada. Kull uffiċċju ta' reġistrant li jipprattika l-kontabilità pubblika f'Alberta għandu jkun personalment immexxi u taħt il-ġestjoni ta' membru li normalment ikun disponibbli biex jattendi għall-eżiġenzi tal-klijenti matul il-ħinijiet li l-uffiċċju jkun miftuħ għall-pubbliku.

Riżerva I-PT-2

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Alberta
Miżuri:	*Veterinary Profession Act*, R.S.A. 2000, c. V-2 *General Regulation*, Alta. Reg. 44/86
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Huma biss ċittadini Kanadiżi jew persuni ammessi legalment jew awtorizzati li jaħdmu fil-Kanada li jistgħu jiġu approvati għar-reġistrazzjoni mir-Registration Committee (Kumitat tar-Reġistrazzjoni), meta jipproduċu l-provi xierqa meħtieġa.

Riżerva I-PT-3

Settur:	Proprjetà immobbli
Subsettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli li jirrigwardaw proprjetà privata jew ta’ lokazzjoni jew fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, 822, 81331
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	***Real Estate Act***, R.S.A. 2000, c. R–5
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-forniturі tas-servizzi huma awtorizzati permezz ta' ditta ta' senserija li jrid ikollha uffiċċju reġistrat fil-Provinċja. L-uffiċċju reġistrat irid ikun: il-post minn fejn il-persuna tagħmel in-negozju; taħt il-kontroll tal-fornitur tas-servizz; il-post fejn jinżammu r-rekords meħtieġa li jridu jinżammu skont l-Att.

Riżerva I-PT-4

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Stħarriġ topografiku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8675
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*Land Surveyors Act*, R.S.A. 2000, c. L-3
Deskrizzjoni:	**Investiment** Għal servizzi li tfornihom korporazzjoni, il-preżenza kummerċjali trid tieħu l-forma ta' korporazzjoni topografika.

Riżerva I-PT-5

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Servizzi ta' aġenti b'kummissjoni Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Servizzi bl-imnut (likuri, inbid u birra, ħwienet tal-likuri, l-inbid u l-birra) Il-manifattura tax-xorb alkoħoliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 24 (ħlief 244), 62112, 62226, 63107, 643, 88411
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*Gaming and Liquor Act*, R.S.A. 2000, c. G-1 *Gaming and Liquor Regulation,* Alta. Reg. 143/96 Il-Politiki tal-Gaming and Liquor Commission Board ta' Alberta
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li Alberta tikkontrolla l-manifattura, l-importazzjoni, il-bejgħ, ix-xiri, il-pussess, il-ħżin, it-trasport, l-użu u l-konsum tal-likuri, inkluż permezz ta' permessi u liċenzji li jistgħu jinkludu ċittadinanza, soġġorn u limitazzjonijiet oħra dwar l-istabbiliment, l-operat u l-forniment ta' dawn l-attivitajiet.

Riżerva I-PT-6

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Art Servizzi inċidentali għall-agrikoltura
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8811 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur), 531
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*Provincial Parks Act*, R.S.A. 2000, c. P-35 *Provincial Parks (Dispositions) Regulations*, Alta. Reg. 241/77 *Provincial Parks (General) Regulation,* Alta. Reg. 102/85 *Dispositions and Fees Regulation*, Alta. Reg. 54/2000 *Special Areas Disposition Regulation*, Alta. Reg. 137/2001 *Declaration Regulation*, Alta. Reg. 195/2001 *Forest Reserves Regulation*, Alta. Reg. 42/2005
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-konċessjonijiet ta' art tal-Istat, inkluż il-parks provinċjali huma riżervati għar-residenti ta' Alberta li huma ċittadini Kanadiżi jew residenti permanenti skont it-tifsira tal-*Immigration and Refugee Protection Act*, S.C. 2001, c. 27.

Riżerva I-PT-7

Settur:	Kaċċa
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-kaċċa Gwidi tal-kaċċa awtonomi Servizzi kulturali oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 0297, 8813, 96419, 9633
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*Wildlife Act*, R.S.A. 2000, c. W-10 *Wildlife Regulation*, Alta. Reg. 143/97
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Jistgħu jiġu imposti rekwiżiti ta' ċittadinanza jew residenza permanenti bħala kundizzjoni għal dożinjazzjonijiet, permessi jew liċenzji rigward is-servizzi ta' gwida u forniment ta' tagħmir għall-kaċċa ta' organiżmi selvaġġi. Jistgħu jiġu imposti wkoll rekwiżiti ta' ċittadinanza jew residenza permanenti bħala kundizzjoni għal dożinjazzjonijiet, permessi jew liċenzji rigward il-ġestjoni ta' żù, l-ibbalzmar tal-annimali, il-konzar, il-kummerċ fil-ferijiet jew il-ġestjoni tal-ferijiet.

Riżerva I-PT-8

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi ta' trasport bit-triq Trasportazzjoni tal-passiġġieri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7121, 7122
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*Motor Transport Act,* R.S.A. 2000, c. M-21 *Motor Vehicle Administration Act,* R.S.A. 2000, M-23
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Qabel ma tiġi approvata liċenzja biex jingħata servizz ta' trasport interurban tal-karozzi tal-linja u ta' servizzi mhux skedati/skedati jista' jiġi impost test ta' utilità jew bżonn pubbliku inkluż l-applikazzjoni ta' uħud jew il-kriterji kollha li ġejjin: l-adegwatezza tal-livelli kurrenti tas-servizz; il-kundizzjonijiet tas-suq li jistabbilixxu l-ħtieġa għal espansjoni fis-servizz; l-impatt ta' dawk li jidħlu ġodda fuq l-utilità pubblika, inkluż il-kontinwità u l-kwalità tas-servizz, kif ukoll l-idoneità, id-disponibbiltà u l-abbiltà tal-applikant li jipprovdi servizz adegwat.

Riżerva I-PT-9

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	Politika dwar il-benefiċċji industrijali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Jistgħu jiġu imposti rekwiżiti ta' prestazzjoni fuq l-applikanti (bħal li tingħata l-ewwel konsiderazzjoni lil fornituri ta' servizzi minn Alberta jew mill-Kanada, jekk dawn ikunu kompetittivi f'dak li jirrigwarda prezz u kwalità) fil-każ tal-proġetti kollha ta' skala kbira li jeħtieġu permessi li jirrigwardaw l-Iżvilupp Industrijali, il-Ġestjoni tal-Foresti, ir-Ramel Bituminuż, l-Impjanti tal-Enerġija jew tal-Gass u l-Faħam.

Riżerva I-PT-10

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*Business Corporations Act*, R.S.A. 2000, c. B-9 *Business Corporations Regulation*, Alta. Reg. 118/2000 *Companies Act*, R.S.A. 2000, c. C-21 *Cooperatives Act*, S.A. 2001, c. C-28.1 *Partnership Amendment Act*, R.S.A. 2000 (Supp.), c. P-25 *Societies Act*, R.S.A. 2000, c. S-14
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Mill-inqas 25 fil-mija tad-diretturi f'korporazzjoni ta' Alberta jridu jkunu Kanadiżi residenti. 2. Għall-finijiet ta' dawn il-miżuri, "Kanadiż residenti" tfisser persuna li hija: (a) ċittadin Kanadiż abitwalment residenti fil-Kanada; (b) ċittadin Kanadiż, mhux abitwalment residenti fil-Kanada, li huwa membru ta' kategorija determinata ta' persuni; jew (c) resident permanenti skont it-tifsira tal-*Immigration and Refugee Protection Act*, S.C. 2001, c. 27 u abitwalment residenti fil-Kanada.

Riżerva I-PT-11

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*Land Titles Act*, R.S.A. 2000, c. L-4 *Agricultural and Recreational Land Ownership Act*, R.S.A. 2000, c. A-9 *Regulations Respecting the Ownership of Agricultural and Recreational Land in Alberta*, Alta. Reg. 160/79 *Public Lands Act*, R.S.A. 2000, c. P-40
Deskrizzjoni:	**Investiment** Biċċiet ta' art pubbliċi ma jistgħux jinbiegħu lil: (a) persuna li mhix ċittadin Kanadiż jew resident permanenti kif definit fl- *Immigration and Refugee Protection Act,* S.C. 2001, c. 27; (b) korporazzjoni li mhix korporazzjoni Kanadiża; jew (c) persuna jew korporazzjoni li tkun qed taġixxi bħala fiduċjarja għal persuna li mhix ta' ċittadinanza Kanadiża jew li hija residenti permanenti fil-Kanada kif iddefinit fl-*Immigration and Refugee Protection Act*, jew għal korporazzjoni li mhix korporazzjoni Kanadiża.

Riżerva I-PT-12

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Servizzi ta' logħob tal-azzard u tal-imħatri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 96492
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*Gaming and Liquor Act*, R.S.A. 2000, c. G-1 *Horse Racing Alberta Act*, RSA 2000, c. H-11.3 *Gaming and Liquor Regulation*, Alta. Reg. 143/1996 Il-Politiki tal-Gaming and Liquor Commission Board ta' Alberta
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li Alberta tirregola u tawtorizza servizzi, forniturи ta' servizzi, manifattura, forniturи ta' materjali, operazzjonijiet u tiswijiet li jirrigwardaw skemi ta' lotteriji, terminali tal-logħob, logħob tal-azzard, tiġrijiet, swali tal-bingo u casinos, kif ukoll attivitajiet simili inkluż permezz ta' permessi u liċenzji li jistgħu jinkludu limitazzjonijiet ta' ċittadinanza, residenza u limitazzjonijiet oħra dwar l-istabbiliment, l-operazzjoni u l-forniment ta' dawn l-attivitajiet.

Riżerva I-PT-13

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi inċidentali għat-trobbija tal-annimali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8812
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*Stray Animals Act*, R.S.A. 2000, c. S-20 *Horse Capture Regulation*, Alta. Reg. 59/94
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ċittadini Kanadiżi jew persuni ammessi fil-Kanada b'mod legali għal residenza permanenti biss jistgħu japplikaw, jiksbu jew ikunu d-detenturi ta' liċenzja biex jaqbdu, jonsbu, jikkaċċjaw, isegwu, isegwu t-traċċi jew isegwu bil-moħbi żwiemel fuq art pubblika f'Alberta riżervata għall-qbid liċenzjat taż-żwiemel.

Riżervi applikabbli fil-British Columbia

Riżerva I-PT-14

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Prodotti tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 03
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Forest Act,* R.S.B.C. 1996, c. R157
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-injam kollu maħsud minn art provinċjali jrid jew jintuża fil-Provinċja jew jinħadem fil-Provinċja fi prodotti oħra. Madankollu, il-Provinċja tista' tawtorizza eżenzjoni għal dan ir-rekwiżit jekk l-injam ikun eċċessiv għall-ħtiġijiet tal-faċilitajiet tal-ipproċessar fil-Provinċja, jekk ma jkunx jista' jiġi pproċessat b'mod ekonomiku viċin iż-żona fejn jinħasad u jekk ma jkunx jista' jiġi ttrasportat b'mod ekonomiku lejn faċilità oħra fil-Provinċja, jew jekk eżenzjoni tipprekludi l-ħela jew ittejjeb l-użu tal-injam.

Riżerva I-PT-15

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8611
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Evidence Act,* R.S.B.C. 1996, c. 124
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Persuna trid tkun ċittadin Kanadiż jew resident permanenti biex tinħatar kummissarju li jieħu dikjarazzjonijiet ġuramentati.

Riżerva I-PT-16

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Kontabilità, awditjar u żamma tal-kotba
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 862
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Accountants (Certified General) Act,* R.S.B.C. 1996. c. 2 *Accountants (Chartered) Act*, R.S.B.C. 1996, c. 3 *Accountants (Management) Act,* R.S.B.C. 1996, c. 4
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-uffiċċji tal-kontabilità jridu jkunu ġestiti minn persuna residenti fil-British Columbia.

Riżerva I-PT-17

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Cooperative Association Act,* S.B.C. 1999, c. 28 *Society Act*, R.S.B.C. 1996, c. 433
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Skont il-*Cooperative Association Act*, il-maġġoranza tad-diretturi ta' assoċjazjoni inkorporata skont l-Att trid tkun residenti fil-Kanada u mill-inqas direttur wieħed irid ikun residenti fil-Provinċja. 2. Skont is-*Society Act*, mill-inqas direttur wieħed ta' soċjetà inkorporata skont l-Att trid tkun residenti fil-Provinċja.

Riżerva I-PT-18

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Avukati u nutara
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Notaries Act*, R.S.B.C. 1996, c. 334
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ċittadini Kanadiżi u residenti permanenti fil-Kanada biss jistgħu jiġu ċċertifikati bħala nutara pubbliċi fil-British Columbia. In-*Notaries Act* timponi limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tan-nutara li jfornu servizzi permezz ta' uffiċċju ta' nutara (notary corpration). Il-fondi fiduċjarji jridu jiġu rregolati minn istituzzjonijiet finanzjarji provinċjali jew federali.

Riżerva I-PT-19

Settur:	Turiżmu
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-kaċċa (gwidi tal-kaċċa; fornituri tat-tagħmir; gwidi tas-sajd bil-qasba) Servizzi inċidentali għas-sajd Aġenziji tal-ivvjaġġar, operaturi tal-ivvjaġġar u servizzi ta' gwidi turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8813, 882, 96419
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Wildlife Act*, R.S.B.C. 1996, c. 488
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ċittadini Kanadiżi u residenti permanenti fil-Kanada biss huma eliġibbli li tinħarġilhom liċenzja bħala gwidi, fornituri ta' tagħmir u gwidi tas-sajd bil-qasba.

Riżerva I-PT-20

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Servizzi professjonali oħra Prodotti tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam Servizzi inċidentali għall-forestrija u għall-qtugħ tas-siġar għall-injam
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 03, 8814
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Foresters Act,* S.B.C. 2003, c. 19
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Sabiex wieħed jiġi rreġistrat bħala forestier professjonali, irid jikseb mill-inqas 24 xahar esperjenza ta' xogħol rilevanti fil-British Columbia. F'ċerti każi, il-forestiera professjonali li jkun diġà rreġistrati f'ġuriżdizzjonijiet Kanadiżi oħra huma eżentati minn dan ir-rekwiżit.

Riżerva I-PT-21

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-manifattura Permessi għas-siġar tal-Milied Permessi għas-salvataġġ tal-injam maqtugħ Liċenzji għal woodlot (roqgħa art mogħtija għall-prodotti tal-forestrija)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 03, 8814
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Forest Act,* R.S.B.C. 1996, c. 157
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Ċittadini Kanadiżi u residenti permanenti fil-Kanada, jew korporazzjoni kkontrollata minn persuni li huma ċittadini Kanadiżi jew li huma residenti fil-Kanada biss jistgħu jingħataw permess tas-siġar tal-Milied. 2. Ċittadini Kanadiżi jew immigranti li huma proprjetarji ta' art jistgħu japplikaw għal permessi għas-salvataġġ tal-injam maqtugħ. 3. Ċittadini Kanadiżi u residenti permanenti fil-Kanada, jew korporazzjoni kkontrollata minn persuni li huma ċittadini Kanadiżi jew li huma residenti fil-Kanada biss jistgħu japplikaw għal liċenzji ta' prodotti tal-forestrija. 4. Il-prossimità tar-residenza privata mil-liċenzja proposta tal-woodlot, u d-distanza u d-daqs tal-art privata li għandha tiġi inkluża fil-woodlot huwa tnejn mill-kriterji li jintużaw biex tingħata liċenzja.

Riżerva I-PT-22

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 03
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Forest Act,* R.S.B.C. 1996, c. 157
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Waħda mill-entitajiet li ġejjin tista' tidħol fi ftehim dwar l-isfruttament ta' foresta komunitarja: (a) Soċjetà inkorporata skont is-*Society Act,* R.S.B.C. 1996, c. 433; (b) Assoċjazzjoni kif definita fil-*Cooperative Association Act*, S.B.C. 1999, c. 28; (c) Korporazzjoni, jekk il-korporazzjoni hija stabbilita minn jew att ta' liġi, jew irreġistrata bħala kumpanija extra-provinċjali skont il-*Business Corporations Act*, S.B.C. 2002, c. 57; (d) Soċjetà f'isem kollettiv, jekk is-soċjetà tkun tikkonsisti f'muniċipalitajiet jew distretti reġjonali, soċjetajiet, assoċjazzjonijiet, kumpaniji jew kumpaniji extra-provinċjali, jew kombinazzjoni ta' dawn; jew (e) Muniċipalità jew distrett reġjonali. 2. Ftehimiet dwar l-isfruttament ta' foresta komunitarja jistgħu jingħataw b'mod dirett.

Riżerva I-PT-23

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Prodotti tal-agrikoltura Ortikultura u ġardinaġġ kummerċjali Servizzi inċidentali għall-agrikoltura (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur) Servizzi inċidentali għat-trobbija tal-annimali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8811 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur), 8812
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Range Act,* S.B.C. 2004, c. 71
Deskrizzjoni:	**Investiment** Applikant li jista' jipprova li għandu preżenza lokali jingħata preferenza fl-għoti ta' liċenzji u permessi għar-ragħa.

Riżerva I-PT-24

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 03
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Forest Act,* R.S.B.C. 1996, c. 157
Deskrizzjoni:	**Investiment** Applikant jista' jkun meħtieġ li jieħu l-impenn li jistabbilixxi faċilità tal-manifattura biex jikkwalifika għal liċenzja forestali.

Riżerva I-PT-25

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 03
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Forest Act,* R.S.B.C. 1996, c. 157
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-għoti ta' liċenzja għas-salvataġġ tal-injam komunitarju huwa limitat għal gruppi speċifiċi, prinċipalment soċjetajiet u assoċjazzjonijiet kooperattivi, għall-għanijiet bħall-forniment ta' benefiċċji soċjali u ekonomiċi għall-British Columbia, il-kontribut għad-dħul tal-gvern, il-forniment ta' opportunitajiet biex tinkiseb firxa ta' objettivi komunitarji, inkluż l-impjiegi u benefiċċji soċjali, ambjentali u ekonomiċi oħra, il-promozzjoni ta' kooperazzjoni fil-komunità u fost il-partijiet ikkonċernati, il-garanzija tal-użu tal-injam li jikkwalifika, u fatturi oħra li l-Ministru jew persuna awtorizzata mill-Ministru tispeċifika fl-invit jew fir-reklamar.

Riżerva I-PT-26

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 03
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Forest Act,* R.S.B.C. 1996, c. 157
Deskrizzjoni:	**Investiment** Jingħata biss għadd limitat ta' liċenzji forestali soġġetti għal kundizzjonijiet restrittivi. L-għoti ta' tali liċenzji jista' jkun soġġett għal rekwiżiti ta' prestazzjoni, inkluż ir-rekwiżit li wieħed ikollu sjieda jew lokazzjoni ta' faċilitajiet tal-ipproċessar fil-Provinċja.

Riżerva I-PT-27

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Land Act,* R.S.B.C. 1996, c. 245 Il-politika tal-Ministeru tal-Foresti u tat-Territorju - Politika dwar il-Lokazzjoni tar-ragħa ddatata l-15 ta' Novembru 2004
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Il-*Land Act* tillimita l-għotjiet mill-Istat għaċ-ċittadini Kanadiżi u lir-residenti permanenti. L-art tal-Istat tista' wkoll tingħata f'ċerti ċirkostanzi lil korporazzjoni governattiva, muniċipalità, distrett reġjonali, bord ta' sptar, università, kulleġġ, bord tal-edukazzjoni, awtorità tal-edukazzjoni frankofona kif definit fl-*School Act,* R.S.B.C. 1996, c. 412, korp ieħor relatat mal-gvern jew lill-Awtorità tat-Trasport tal-British Columbia tal-Kosta tan-Nofsinhar li nżammet attiva permezz tas-*South Coast British Columbia Transportation Authority Act*, S.B.C. 1998, c. 30, jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tagħha. 2. Kanadiżi biss jistgħu jkunu d-detenturi ta' liċenzji għar-ragħa. Bħala kundizzjoni biex jingħataw liċenzji għall-mergħat hemm imposti rekwiżiti ta' prestazzjoni.

Riżerva I-PT-28

Settur:	Sajd
Subsettur:	Sajd u prodotti oħra tas-sajd Servizzi inċidentali għas-sajd Art
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 04, 531, 882
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Fisheries Act,* R.S.B.C. 1996, c. 149 *Land Act*, R.S.B.C. 1996, c. 245
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ċittadin Kanadiż jew persuna residenti permanenti fil-Kanada biss hija intitolata għal għotja mill-Istat għal operazzjonijiet ta' akkwakultura, sakemm l-applikazzjoni tal-persuna għal dispożizzjoni ta' art mill-Istat kienet approvata qabel l-1 ta' Mejju, 1970.

Riżerva I-PT-29

Settur:	Sajd
Subsettur:	Servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 04, 62112, 62224, 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Fisheries Act,* R.S.B.C. 1996, c. 149 *Commercial Fisheries and Mariculture: A Policy for the 1980s*
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Jistgħu jiġu imposti rekwiżiti ta' residenza, ċittadinanza u prestazzjoni bħala kundizzjoni għal liċenzja biex jinqabdu ħut, jinħasdu pjanti tal-baħar jew gajdri selvaġġi, jew biex wieħed jipproċessa, jixtri jew ikun pitkal tal-ħut. L-ipproċessar offshore jew l-ipproċessar fil-baħar huwa limitat għal sajjieda li jipproċessaw il-qabdiet tagħhom stess u jekk l-ispeċi tal-ħut ma jistgħux jiġu pproċessati fil-faċilitajiet eżistenti fuq l-art.

Riżerva I-PT-30

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi ta' trasport bit-triq Trasportazzjoni tal-passiġġieri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7121, 7122
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Passenger Transportation Act,* S.B.C. 2004, c. 39 *Motor Vehicle Act,* R.S.B.C. 1996, c. 318

Deskrizzjoni: **Investiment**

1. Il-*Passenger Transportation Act* titlob li persuna tikseb liċenzja għat-trasportazzjoni tal-passiġġieri mill-Passenger Transportation Board sabiex tkun tista' tforni servizzi bit-taxi jew tal-karozzi tal-linja interurbani fil-British Columbia. Il-Bord jista' japprova applikazzjoni għal liċenzja jekk il-Bord jikkunsidra li:
   (a) hemm ħtieġa pubblika għas-servizz;
   (b) l-applikant huwa "kompetenti u idoneu" u kapaċi jforni s-servizz; kif ukoll
   (c) il-liċenzja, jekk tingħata, tippromwovi kundizzjonijiet ekonomiċi b'saħħithom fil-qasam tat-trasportazzjoni tal-passiġġieri fil-British Columbia.
2. Il-Passenger Transportation Board għandu s-setgħa li jimponi patti u kundizzjonijiet fuq il-liċenzja. Jekk il-liċenzja tkun ser tinkludi awtorizzazzjoni biex jitħaddmu inġenji bil-mutur bħala karozzi tal-linja fil-belt, il-patti u kundizzjonijiet tal-liċenzja jkunu jinkludu r-rotot u l-frekwenzi minimi ta' dawk ir-rotot għal dik l-operazzjoni. Jekk il-liċenzja tkun ser tinkludi awtorizzazzjoni biex jitħaddmu inġenji bil-mutur bħala inġenji għall-passiġġieri (bħal taxcabs u limousines), il-patti u kundizzjonijiet tal-liċenzja jkunu jinkludu d-daqs tal-flotta, ir-rati u ż-żona ġeografika ta' fejn ikunu ser joperaw.

Riżerva I-PT-31

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi ta' trasport bit-triq: Tranżitu pubbliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7121, 7122
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*British Columbia Transit Act,* R.S.B.C. 1996, c. 38 *South Coast British Columbia Transportation Authority Act,* S.B.C. 1998, c. 30
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. British Columbia Transit hija korporazzjoni tal-Istat b'awtorità esklużiva li tippjana, takkwista, u tikkostruwixxi sistemi ta' trasport li jappoġġaw l-istrateġiji reġjonali ta' tkabbir, pjanijiet komunitarji uffiċjali u l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni ta' servizz ta' tranżitu fiż-żoni kollha tal-British Columbia, ħlief fir-reġjun tas-servizz ta' trasport moqdi mis-South Coast British Columbia Transportation Authority. 2. Is-South Coast British Columbia Transportation Authority għandha l-awtorità esklużiva li tipprovdi sistema ta' trasport reġjonali għall-muniċipalitajiet u ż-żoni rurali kollha li jinsabu fid-Distrett Reġjonali ta' Greater Vancouver li tittrasporta passiġġieri u merkanzija, u tappoġġa l-istrateġija ta' tkabbir reġjonali, l-objettivi ambjentali provinċjali u reġjonali (inkluż il-kwalità tal-arja u l-objettivi ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gass b'effett serra), u l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun tas-servizz tat-trasport.

Riżerva I-PT-32

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Elettriċità Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 171, 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*BC Hydro Public Power Legacy and Heritage Contract Act,* S.B.C. 2003. c. 86 *Clean Energy Act,* S.B.C. 2010, c. 22 *Utilities Commission Act,* R.S.B.C. 1996, c. 473 *Hydro and Power Authority Act,* R.S.B.C. 1996, c. 212
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Fil-British Columbia, l-utilitajiet tal-elettriku joperaw bħala distributuri tal-elettriċità f'forma ta' monopolju rregolat fiż-żona li jservu. 2. Il-British Columbia Hydro and Power Authority ("BC Hydro") hija korporazzjoni tal-Istat li tippossjedi l-parti l-kbira tal-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni fil-British Columbia. BC Hydro tirċievi trattament differenzjat skont il-liġi provinċjali u f'ċerti każi hija eżentata mir-rieżami tal-British Columbia Utilities Commission. BC Hydro ma tistax tiddisponi (inkluż permezz ta' bejgħ) mill-assi patrimonjali tagħha, sakemm dawn ma jintużawx aktar jew ma jkollhomx aktar użu. 3. Soġġett għad-direzzjoni li jagħti l-Lieutenant Governor in Council, ir-rati tal-bejgħ tal-elettriċità fil-Provinċja huma rregolati mill-British Columbia Utilities Commission.

Riżerva I-PT-33

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Attività tal-minaturi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8675
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - British Columbia
Miżuri:	*Mineral Tenure Act,* R.S.B.C. 1996, c. 292
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Biex tikseb "free miner certificate" persuna trid tkun residenti fil-Kanada għal mill-inqas 183 jum f'kull sena kalendarja, jew tkun awtorizzata li taħdem fil-Kanada, jew tkun korporazzjoni jew soċjetà f'isem kollettiv Kanadiża li tkun tikkonsisti minn individwi kkwalifikati jew kumpaniji Kanadiżi.

Riżervi applikabbli f'Manitoba

Riżerva I-PT-34

Settur:	Servizzi tal-komunità u personali
Subsettur:	Funerali Servizzi tal-kremazzjoni u tal-kummissjonanti tal-funerali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9703
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Prearranged Funeral Services Act*, C.C.S.M. c. F-200
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Kull min iforni servizzi funebri prestabbiliti, abbażi ta' qliegħ, irid ikollu liċenzja. Jistgħu japplikaw għal tali liċenzja dawk il-persuni biss li jiżvolġu regolarment l-attività kummerċjali ta' forniment ta' servizzi funebri f'Manitoba. Servizzi funebri prestabbiliti, jistgħu jingħataw permezz tal-istabbiliment assoċjat mal-liċenzja.

Riżerva I-PT-35

Settur:	Servizz ta' organizzazzjonijiet ta' sħubija
Subsettur:	Dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8613, 95910
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Marriage Act*, C.C.S.M. c. M-50 Il-politika li tirrigwarda r-residenza jew iċ-ċittadinanza ta' dawk maħturin
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Skont *The Marriage Act*, il-Ministru responsabbli jista' jaħtar persuna bħala uffiċjal taż-żwieġ għall-Provinċja, jew parti minnha li tkun speċifikata mill-Ministru, u dik il-persuna tista' tmexxi ċ-ċerimonji taż-żwiġijiet skont il-mandat tal-ħatra. Il-Ministru jista' jagħti trattament preferenzjali lil ċittadini Kanadiżi jew lil residenti permanenti f'Manitoba.

Riżerva I-PT-36

Settur:	Edukazzjoni
Subsettur:	Servizzi edikattivi oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9290
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Manitoba Registered Music Teachers' Association Incorporation Act*, R.S.M. 1990, c. 100
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-ebda persuna ma tista' ssir membru ta' Manitoba Registered Music Teachers' Association u għaldaqstant tuża' t-titlu ta' "Registered Music Teacher", sakemm din il-persuna ma turix li kienet residenti f'Manitoba matul is-sitt xhur ta' qabel.

Riżerva I-PT-37

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Community Development Bonds Act*, C.C.S.M. c. C-160
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Id-diretturi kollha ta' korporazzjoni li toħroġ obbligazzjonijiet għall-iżvilupp tal-komunità jridu jkunu residenti f'Manitoba. Issoċi li jiffurmaw il-korporazzjoni jridu jkunu residenti tal-muniċipalità fejn ikun jinsab l-uffiċċju ewlieni jew ta' muniċipalità fil-qrib. 2. Jekk il-Gvernatur ta' Manitoba jkun ipprovda garanzija għall-obbligazzjoni, huma d-detenturi tal-obbligazzjoni eliġibbli biss li jistgħu jagħmlu talba għall-garanzija. Id-detentur ta' obbligazzjoni eliġibbli huma dawk li kellhom konnessjoni ma' Manitoba jew mal-Kanada meta akkwistaw il-obbligazzjoni: pereżempju, individwi residenti f'Manitoba, korporazzjoni ta' Manitoba stabbilita skont il-*Canada Business Corporations Act,* R.S.C., 1985, c. C-44, korporazzjoni b'uffiċċju prinċipali f'Manitoba, fiduċjarja jekk il-maġġoranza tal-fiduċjarji jew tal-benefiċjarji jkunu rersidenti f'Manitoba, jew f'muniċipalità ta' Manitoba.

3. Id-dħul li jirriżulta mill-ħruġ tal-obbligazzjonijiet għall-iżvilupp tal-komunità jridu jiġu investiti f'"intrapriżi eliġibbli". Dawn huma korporazzjonijiet jew kooperattivi:

   (a) inkorporati skont *The Corporations Act*, C.C.S.M., c. C225 jew il-*Canada Business Corporations Act* jew *The Co-operatives Act,* C.C.S.M., c. C223, skont kif ikun il-każ;

   (b) li jkomplu, jew li jkunu se jkomplu bin-negozju, fuq il-bażi ta' qliegħ, f'Manitoba; kif ukoll

   (c) li l-assi tagħhom f'Manitoba huma (jew se jkunu, meta l-entità tibda l-attività kummerċjali) ikkontrollati minn persuni residenti f'Manitoba (fost testijiet oħrajn li ma jinvolvux preżenza f'Manitoba jew il-kontroll jew sjieda minn residenti f'Manitoba).

Riżerva I-PT-38

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Art agrikola Foresti u art imsaġġra oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 531
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Farm Lands Ownership Act*, C.C.S.M. c. F-35
Deskrizzjoni:	**Investiment** Huma awtorizzati li jkunu sidien ta' aktar minn 40 ejker ta' art agrikola f'Manitoba biss dawk li huma ċittadini tal-Kanada jew residenti permanenti fil-Kanada skont it-tifsira tal-*Immigration and Refugee Protection Act,* S.C. 2001, c. 27 ("individwi eliġibbli"), korporazzjonijiet, fiduċjarji, soċjetajiet f'isem kollettiv jew entitajiet kummerċjali li kollha kemm huma jkunu proprjetà ta' bdiewa attivi jew irtirati jew persuni eliġibbli, jew kombinazzjoni ta' dawn, gvernijiet (muniċipali u provinċjali) jew aġenziji tal-gvern, jew immigranti kkwalifikati li huma intitolati jew li għandhom il-ħsieb li jsiru persuni eliġibbli fi żmien sentejn wara li jakkwistaw l-art agrikola.

Riżerva I-PT-39

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Labour-sponsored Venture Capital Corporations Act*, C.C.S.M. c. L-12 *The Corporations Act*, C.C.S.M. c. C-225
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Labour-sponsored Venture Capital Corporations (kumpaniji fejn il-ħaddiema tagħhom jipparteċipaw fir-riskju tal-kapital) huma meħtieġa li jinvestu f'negozju attiv (b'assi ta' valur inqas minn CAD $ 50 miljun) li minnhom mill-inqas 50 fil-mija jkunu impjegati full time li jaħdmu f'Manitoba, jew jekk mill-inqas 50 fil-mija tal-pagi u s-salarji tal-impjegati jkunu attribwibbli għal servizzi li l-ħaddiema jagħtu f'Manitoba. 2. Il-kumpaniji jridu jkunu rreġistrati skont l-Att, u jistgħu japplikaw biex ikunu rreġistrati biss dawk il-kumpaniji li jkunu ġew inkorporati skont *The Corporations Act* . Dan ifisser li mill-inqas 25 fil-mija tad-diretturi tal-korporazzjoni jridu jkunu residenti fil-Kanada (jew mill-inqas wieħed minnhom, fejn ikun hemm tliet diretturi jew inqas), skont *The Corporations Act* .

Riżerva I-PT-40

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Cooperatives Act*, C.C.S.M. c. C-223
Deskrizzjoni:	**Investiment** Maġġoranza tad-diretturi ta' kooperattiva jridu jkunu residenti fil-Kanada. Biex laqgħa tad-diretturi ta' kooperattiva tkun kostitwita kif xieraq, il-maġġoranza tad-diretturi fil-laqgħa jridu jkunu residenti fil-Kanada. Direttur li jkun residenti fil-Kanada iżda ma jkunx preżenti għal-laqgħa jista' japprova d-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-laqgħa, jekk il-maġġoranza meħtieġa kienet tkun preżenti bid-direttur preżenti fil-laqgħa. Id-direttur eżekuttiv tal-kooperattiva jrid ikun residenti fil-Kanada.

Riżerva I-PT-41

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Art agrikola Foresti u art imsaġġra oħra Lokazzjoni u permessi ta' art tal-istat Servizzi inċidentali għall-agrikoltura Servizzi inċidentali għat-trobbija tal-annimali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 531, 8811 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur), 8812
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Crown Lands Act*, C.C.S.M. c. C-340 *Agricultural Crown Land Leases Regulation*, 168/2001 *Agricultural Crown Land Grazing and Hay Permits Regulation*, 288/88

Deskrizzjoni: **Investiment**

1. Biex ikun eliġibbli biex jakkwista lokazzjoni għal art agrikola mill-Istat, il-kerrej irid ikun ċittadin Kanadiż jew irid ikollu *status* ta' immigrant Kanadiż, u residenti f'Manitoba. Jekk il-kerrej ikun soċjetà f'isem kollettiv jew kooperattiva agrarja, kull sieħeb jew membru, skont il-każ, irid ikun ċittadin Kanadiż jew ikollu *status* ta' immigrant Kanadiż bi dritt ta' sjieda tal-art u jrid ikun residenti f'Manitoba. Jekk il-kerrej ikun korporazzjoni kull attivist irid ikun ċittadin Kanadiż jew ikollu *status* ta' immigrant Kanadiż bi dritt ta' sjieda tal-art u jrid ikun residenti f'Manitoba, u l-korporazzjoni trid tkun irreġistrata biex twettaq attività kummerċjali f'Manitoba.
2. Permess għar-ragħa jew għall-ħsad tal-ħuxlief fuq artijiet agrikoli tal-Istat jista' jingħata biss lil persuna li tkun abitwalment residenti fl-istess post fejn tkun tinsab l-art deskritta fil-permess jew fil-qrib tagħha.

Riżerva I-PT-42

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Art agrikola Foresti u art imsaġġra oħra Art għar-rikreazzjoni u art miftuħa oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 531, 533
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Crown Lands Act*, C.C.S.M. c. C-340 Il-politika rigward l-allokazzjoni, il-bejgħ u l-lokazzjoni ta' lottijiet għall-bini ta' djar tal-kampanja (cottage lots) u għall-iżvilupp ta' stabbilimenti kummerċjali fil-parks provinċjali u fuq art Statali oħra.
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Ministru jista' jagħti trattament preferenzjali lir-residenti ta' Manitoba fuq dawk li mhumiex residenti meta jalloka, ibiegħ jew jikri lottijiet għall-bini ta' djar tal-kampanja u għall-iżvilupp ta' stabbilimenti kummerċjali fil-parks provinċjali u fuq art Statali oħra.

Riżerva I-PT-43

Settur:	Sajd
Subsettur:	Servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 04, 62224, 882
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Fisheries Act*, C.C.S.M. c. F-90 *Fishing Licensing Regulation*, Man. Reg. 124/97 Il-politika rigward l-allokazzjoni ta' liċenzji għas-sajd kummerċjali.
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Sakemm mhux mod ieħor awtorizzat mir-regolamenti jew mill-Freshwater Fish Marketing Corporation (il-"Corporation"), jew f'ċerti ċirkostanzi limitati, l-ebda persuna ma tista' tbiegħ jew tixtri ħut maqbud f'Manitoba biex jitwassal f'Manitoba ħlief permezz tal-Corporation. 2. Il-Ministru għandu diskrezzjoni sħiħa biex joħroġ liċenzji kummerċjali għas-sajd u li jimponi kundizzjonijiet fuq il-liċenzji. Il-Politika kurrenti tispeċifika li l-liċenzji tas-sajd kummerċjali għandhom jiġu allokati, riallokati u mġedda skont il-valur tal-benefiċċji ġġenerati, f'ordni ta' prijorità, lil ekonomiji: (a) lokali; (b) reġjonali; u (c) provinċjali.

Riżerva I-PT-44

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Periti agrarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8675
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Land Surveyors Act*, C.C.S.M. c. L-60
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. "Perit agrarju ta' Manitoba" irid ikun persuna fiżika. Il-periti agrarji ta' Manitoba ma jistgħux jagħtu servizzi topografiċi permezz ta' korporazzjoni. Il-preżenza kummerċjali ta' perit agrarju ta' Manitoba trid tieħu l-forma ta' intrapriża individwali jew soċjetà f'isem kollettiv. 2. Perit agrarju li jkun ipprattika l-istħarriġ topografiku f'Manitoba u sussegwentement ikun sar ċittadin jew suġġett ta' pajjiż barrani jrid jiġi naturalizzat mill-ġdid skont id-dispożizzjonijiet tas-*Citizenship Act* R.S.C., 1985, c. C-29 qabel ma jerġa' jibda l-prattika f'Manitoba.

Riżerva I-PT-45

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi ta' konsulenza u rappreżentazzjoni legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8612
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Legal Profession Act*, C.C.S.M. c. L-107
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-forniment ta' servizzi legali lill-pubbliku f'Manitoba, rigward il-liġijiet ta' Manitoba, minn ditti legali ġuriżdizzjonali, huwa permissibbli biss jekk, fost l-oħrajn, id-ditta jkollha uffiċċju f'Manitoba u f'mill-inqas ġurisdizzjoni oħra Kanadiża jew barranija, u jekk mill-inqas membru wieħed tad-ditta jkun intitolat li jipprattika l-liġi, u jagħmel dan, prinċipalment f'Manitoba.

Riżerva I-PT-46

Settur:	Kummerċ bl-ingrossa
Subsettur:	Prodotti farmaċewtiċi u mediċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 62251
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Hearing Aid Act,* C.C.S.M. c. H-38
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-Hearing Aid Board għandu l-awtorità li jiċċertifika lill-kummerċjanti ta' apparat akustiku u li jagħti aċċess preferenzjali, u kundizzjonijiet preferenzjali, lil applikanti għal ċertifikazzjoni li jkunu residenti f'Manitoba jew fil-Kanada.

Riżerva I-PT-47

Settur:	Trasport
Subsettur:	Sistemi ta' tranżitu tal-passiġġieri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 71213, 71223
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Highway Traffic Act*, C.C.S.M. c. H-60
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-Manitoba Transport Board jista' jillimita l-għadd ta' ċertifikati mogħtija lil portaturi pubbliċi tal-passiġġieri b'vetturi bil-mutur fuq it-toroq pubbliċi ta' Manitoba. Il-Board jista' jillimita portaturi pubbliċi tal-passiġġieri b'vetturi bil-mutur ġodda milli jidħlu fis-suq tas-servizz pubbliku bil-vetturi jew jeħtieġ li l-vetturi bil-mutur jieħdu rotot b'inqas profitt jekk huwa jikkunsidra li d-dispożizzjoni tas-servizz għall-pubbliku hija essenzjali.

Riżerva I-PT-48

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi ta' kontabilità, awditjar u żamma tal-kotba
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 862
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Chartered Accountants Act*; C.C.S.M. c. C-70 *The Certified General Accountants Act*, C.C.S.M. c. C-46 *The Certified Management Accountants Act*, C.C.S.M. c. C-46.1 *The Corporations Act*, C.C.S.M. c. C-225
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-ewwel tliet Atti kkwotati hawn fuq jindikaw li korporazzjoni tal-kontabilità, l-awditjar u taż-żamma tal-kotba ma jistax jinħarġilha permess biex toffri servizzi f'Manitoba, sakemm ma tkunx inkorporata f'*The Corporations Act*. Dan ifisser li mill-inqas 25 fil-mija tad-diretturi tal-korporazzjoni jridu jkunu residenti fil-Kanada (jew mill-inqas wieħed minnhom, fejn ikun hemm tliet diretturi jew inqas).

Riżerva I-PT-49

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi ta' awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8621
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Chartered Accountants Act*, C.C.S.M. c. C-70 *The Certified General Accountants Act*, C.C.S.M. c. C-46 *The Certified Management Accountants Act*, C.C.S.M. c. C-46.1 *The Chartered Accountants Act*, C.C.S.M. c. C-60 *The Convention Centre Act,* S.M. 1988-89 c. 39 amended *The Crown Corporations Public Review and Accountability Act,* C.C.S.M. c. C-336 amended *The Insurance Act,* C.C.S.M. c. 140 *The Municipal Act,* C.C.S.M. c. M-225 *The Northern Affairs Act,* C.C.S.M. c. N-100 amended *The Public Schools Act,* C.C.S.M. c. P-250 amended *The Trustee Act,* C.C.S.M. c. T-160 amended *The City of Winnipeg Charter,* S.M. 2002, c. 39 amended *The Concordia Hospital Incorporation Act*, R.S.M. 1990, c. 39 *The Hudson Bay Mining Employees' Health Association Incorporation Act*, R.S.M. 1990, c. 68 *The Investors Syndicate Limited Incorporation Act*, R.S.M. 1990, c. 77

The Mount Carmel Clinic Act, R.S.M. 1990, c. 120

L'Œuvre des bourses du Collège de Saint-Boniface Incorporation Act, R.S.M. 1990, c. 132

The Seven Oaks General Hospital Incorporation Act, R.S.M. 1990, c. 180

The United Health Services Corporation Incorporation Act, R.S.M. 1990, c. 201

The Winnipeg Art Gallery Incorporation Act, R.S.M. 1990, c. 216

The Winnipeg Clinic Incorporation Act, R.S.M. 1990, c. 220

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

L-Atti elenkati hawn fuq jeħtieġu li s-servizzi tal-awditjar iridu jsiru minn persuna li tkun awtorizzata biex tipprattika bħala kontabilista skont jew *The Chartered Accountants Act*, *The Certified General Accountants Act* jew *The Certified Management Accountants Act.*

Riżerva I-PT-50

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Corporations Act*, C.C.S.M. c. C-225
Deskrizzjoni:	**Investiment** Mill-inqas 25 fil-mija tad-diretturi ta' korporazzjoni jridu jkunu residenti fil-Kanada (jew mill-inqas wieħed minnhom, fejn ikun hemm tliet diretturi jew inqas). Id-Diretturi ma jistgħux jagħmlu tranżazzjonijiet kummerċjali waqt laqgħa tad-diretturi sakemm mill-inqas 25 fil-mija tad-diretturi preżenti jkunu residenti fil-Kanada (jew jekk ikun hemm tliet diretturi jew inqas, mill-inqas wieħed mid-diretturi preżenti jkun residenti fil-Kanada). jekk id-diretturi jiddelegaw xi waħda mis-setgħat tagħhom lil direttur eżekuttiv jew lil kumitat, id-direttur eżekuttiv jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat, skont kif ikun il-każ, iridu jkunu residenti fil-Kanada.

Riżerva I-PT-51

Settur:	Kaċċa
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-kaċċa Kaċċa, sajd u industriji tal-insib Aġenziji tal-gwidi turistiċi Kaċċa għall-kont proprju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7472, 8813, 96419
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Wildlife Act*, C.C.S.M. c. W–130 *Allocation of Hunting Licences Regulation*, Man. Reg. 77/2006 *Captive Wild Animal Regulation*, Man. Reg. 23/98 *Exotic Wildlife Regulation*, Man. Reg. 78/99 *General Hunting Regulation*, Man. Reg. 351/87 *Hunting Dogs Regulation*, Man. Reg. 79/95 *Hunting Seasons and Bag Limits Regulation*, Man. Reg. 165/91 *Miscellaneous Licences and Permits Regulation*, Man. Reg. 53/2007 *Trapping Areas and Zones Regulation,* Man. Reg. 149/2001 *Hunting Guides Regulation*, Man. Reg. 110/93 *Manitoba Trapping Guide 2011/2012* *The Resource Tourism Operators Act,* C.C.S.M. c. R119.5

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Skont l-Atti u r-Regolament ta' hawn fuq il-Ministru, u l-Amministratur maħtur mill-Ministru, għandu d-diskrezzjoni li joħroġ permessi jew liċenzji meħtieġa skont l-Atti lil persuna, soġġett għal patti u kundizzjonijiet li l-Ministru jew l-Amministratur jikkunsidraw kunsiljabbli, u li jagħmel regolamenti anċillari għal dan ta' hawn fuq. Ir-Regolamenti jistgħu jippreskrivu aċċess preferenzjali għal permessi u liċenzji, kif ukoll kundizzjonijiet preferenzjali fuq tali permessi u liċenzji, għar-residenti ta' Manitoba jew tal-Kanada.

Riżerva I-PT-52

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Prodotti tal-agrikoltura Servizzi inċidentali għall-agrikoltura
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 01, 8811 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur)
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Wild Rice Act*, C.C.S.M. c. W-140
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Huma intitolati li japplikaw għal liċenzja, permess, polza tat-tagħbija jew ċertifikat ta' esportazzjoni skont dan l-Att dawk il-persuni biss li jkunu ilhom residenti f'Manitoba għal mill-inqas sena.

Riżerva I-PT-53

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Prodotti tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam Servizzi inċidentali għall-manifattura
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 0311, 0312, 8843
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Forest Act*, C.C.S.M. c. F-150 *Forest Use and Management Regulation*, Man. Reg. 227/88R
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Skont l-Att u r-Regolament ta' hawn fuq il-Ministru huwa responsabbli għar-regolamentazzjoni tal-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw il-forestrija skont l-Att u r-Regolament, u għandu d-diskrezzjoni li jagħti jew joħroġ il-permessi jew liċenzji meħtieġa skont l-Att lil persuna, soġġett għal tali patti u kundizzjonijiet li l-ministru jqis konsiljabbli. Id-drittijiet għall-qtugħ tal-injam iridu jingħataw b'mod li l-Ministru jemmen li jiggarantixxi l-benefiċċju massimu għall-industrija tal-forestrija f'Manitoba. Ir-residenti ta' Manitoba jew ir-residenti Kanadiżi jistgħu jingħataw preferenza jekk isiru tali għotjiet jew jinħarġu tali permessi jew liċenzji.

Riżerva I-PT-54

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport tal-passiġġieri bit-triq (taxicabs)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 71221
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Taxicab Act*, C.C.S.M. c. T-10 *The Highway Traffic Act*, C.C.S.M. c. H-60
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. *The Taxicab Act* teħtieġ li dawk kollha li jfittxu li joperaw taxi jew jagħmlu attività kummerċjali bit-taxicabs japplikaw u jiksbu liċenzja kummerċjali mit-Taxicab Board. Il-Board għandu s-setgħa li jimponi patti u kundizzjonijiet fuq il-liċenzja kummerċjali li joħroġ għat-taxicabs. Meta jkun qed jiddeċiedi jekk jagħtix liċenzja jew le, il-Board irid japplika testijiet ta' konvenjenza u neċessità pubblika fir-rigward tal-għadd ta' taxicabs meħtieġa f'The City of Winnipeg. 2. *The Highway Traffic Act* teħtieġ li dawk kollha li jfittxu li joperaw taxi lil 'hinn mill-konfini muniċipali biex japplikaw u jiksbu ċertifikat mill-Motor Transport Board. Il-Passenger Transportation Board għandu s-setgħa li jimponi patti u kundizzjonijiet fuq il-liċenzja. Meta jkun qed jiddeċiedi jekk jagħtix ċertifikat jew le, il-Board irid jikkunsidra jekk il-faċilitajiet eżistenti għat-trasport humiex suffiċjenti jew jekk is-servizz pubbliku jitjiebx jekk jiġi stabbilit jew jitkompla minn sena għal sena s-servizz ta' trasport propost.

Riżerva I-PT-55

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Prodotti tal-agrikoltura Annimali ħajjin u prodotti mill-annimali Laħmijiet u prodotti tal-ħalib Prodotti oħra tal-ikel m.k.b. Servizzi inċidentali għall-agrikoltura
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 01, 02, 21, 22, 239, 8811 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur)
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Farm Products Marketing Act*, C.C.S.M. c. F-47 *Dairy Farmers of Manitoba Marketing Plan Regulation*, Man. Reg. 89/2004 *Manitoba Egg and Pullet Producers Marketing Plan Regulation*, Man. Reg. 70/2005 *Manitoba Chicken Broiler Producers Marketing Plan Regulation*, Man. Reg. 246/2004 *Manitoba Turkey Producers Marketing Plan Regulation*, Man. Reg. 38/2004 *Manitoba Vegetable Producers Marketing Plan Regulation*, Man. Reg. 117/2009 *The Milk Prices Review Act,* C.C.S.M. c. M-130
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-bordijiet u l-kummissjonijiet skont il-miżuri ta' hawn fuq jistgħu jagħtu preferenzi lil residenti permanenti ta' Manitoba jew lil ċittadini Kanadiżi.

Riżerva I-PT-56

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Potenza elettrika
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 17, 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Manitoba Hydro Act*, C.C.S.M. c. H-190 *The Public Utilities Board Act*, C.C.S.M. c. P-280 *The Water Power Act*, C.C.S.M. c. W-60 *The Environment Act*, C.C.S.M. c. E-125 *The Crown Corporations Public Review and Accountability Act*, C.C.S.M. c. C336

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Il-miżuri ta' hawn fuq, fost l-oħrajn, jippermettu li l-Gvern ta' Manitoba jew Manitoba Hydro:
   (a) jirregolaw, u joħorġu diversi liċenzji, awtorizzazzjonijiet jew approvazzjonijiet li jirrigwardaw il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-forniment u l-bejgħ ta' elettriċità, jekk tkun iġġenerata minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew minn prodotti, forzi jew sorsi li minnhom huwa possibbli li tiġi ġġenerata l-elettriċità;
   (b) jirregolaw l-iżvilupp, il-kostruzzjoni jew il-manutenzjoni tal-impjanti tal-enerġija, stazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tad-dawl, substazzjonijiet, linji ta' trażmissjoni, torrijiet ta' trażmissjoni u faċilitajiet jew strutturi oħra jew tagħmir ieħor meħtieġa b'konnessjoni ma' kull attività stabbilita fil-paragrafu (a); u
   (c) jittrasferixxu jew jikkonċedu proprjetà immobbli jew interessi fi proprjetà immobbli f'Manitoba, jew jittrasferixxu proprjetà personali jew interessi fi proprjetà personali, b'konnessjoni ma' xi waħda mill-attivitajiet stabbiliti fil-paragrafi (a) jew (b).
2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Manitoba jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada (jew li għandhom post tan-negozju f'Manitoba).

Riżerva I-PT-57

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Servizzi ta' aġenti b'kummissjoni Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Servizzi bl-imnut (likuri, inbid u birra, ħwienet tal-likuri, l-inbid u l-birra) Il-manifattura tax-xorb alkoħoliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 24 (ħlief 244), 62112, 62226, 63107
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Liquor and Gaming Control Act*, C.C.S.M. c. L-160 *The Corporations Act*, C.C.S.M. c. C-225
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** The Liquor and Gaming Control Authority ta' Manitoba għandha d-diskrezzjoni li tagħti liċenzji għall-bejgħ tax-xorb alkoħoliku. Jekk l-applikant ikun persuna, il-liċenzja tista' tinħareġ biss lil persuna fiżika adulta li hija ċittadin Kanadiż jew li għandha *status* ta' residenza permanenti jew li tirrisjedi fil-Kanada. Jekk l-applikant ikun soċjetà f'isem kollettiv, il-membri kollha jridu jissodisfaw dan ir-rekwiżit. Jekk l-applikant ikun korporazzjoni, hija trid tkun inkorporata jew awtorizzata li twettaq l-attivitajiet kummerċjali tagħha f'Manitoba skont il-liġi ta' Manitoba. Jekk l-applikant ikun inkorporat skont il-liġi ta' Manitoba, 25 fil-mija tad-diretturi tal-korporazzjoni jridu jkunu residenti fil-Kanada (jew mill-inqas wieħed minnhom, fejn ikun hemm tliet diretturi jew inqas).

Riżerva I-PT-58

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Servizzi ta' logħob tal-azzard u tal-imħatri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 96492
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Liquor and Gaming Control Act*, C.C.S.M. c. G-5 *The Manitoba Liquor and Lotteries Corporation Act*, C.C.S.M. c. L-210 *The Manitoba Horse Racing Commission Act*, C.C.S.M. c. H-90 *Rules of Thoroughbred Racing and Commission Directives*, 2011 *Rules of Standardbred Racing and Commission Directives*, 2010 *Commission Quarterhorse Directives*, 2011 *Pari-Mutuel Betting Supervision Regulations*, SOR 91-365

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

Attivitajiet ta' logħob minn organizzazzjonijiet ta' karità u reliġjużi, fieri u wirjiet u operaturi ta' konċessjonijiet u ta' parks tad-divertiment

1. Organizzazzjonijiet ta' karità u reliġjużi, fieri u wirjiet u operaturi ta' konċessjonijiet u ta' parks tad-divertiment ma jistgħux jorganizzaw attivitajiet ta' logħob f'Manitoba sakemm ma jkollhomx liċenzja biex jagħmlu dan mil-Liquor and Gaming Control Authority ta' Manitoba jew minn korp ieħor awtorizzat minn Manitoba. The Liquor and Gaming Control Authority għandha d-diskrezzjoni li toħroġ dawn il-liċenzji soġġett għal tali patti u kundizzjonijiet li hija tikkunsidra konsiljabbli, u tista' tagħti trattament preferenzjali lil applikanti li għandhom preżenza f'Manitoba.
2. Ħadd ma jista' jkun impjegat ta' The Manitoba Liquor and Lotteries Corporation jew ta' operatur tal-logħob f'Manitoba, jew ikun regolarment fuq sit f'Manitoba jekk l-attività tal-logħob tkun qed isseħħ bil-għan li tipprovdi servizz ta' logħob, sakemm ma jkunx irreġistrat għal dan il-għan mil-Liquor and Gaming Control Authority. The Liquor and Gaming Control Authority għandha d-diskrezzjoni li tirreġistra persuna, soġġett għal tali patti u kundizzjonijiet li hija tikkunsidra konsiljabbli, u tista' tagħti trattament preferenzjali lil ċittadini jew residenti permanenti f'Manitoba.
3. L-ebda proprjetarju, entità jew assoċjazzjoni kummerċjali ma jista' jsir operatur tal-logħob f'Manitoba, detentur ta' sit li hu terminal ta' vidjolotterija f'Manitoba, bejjiegħ ta' biljetti tal-lotterija f'Manitoba jew fornitur ta' oġġetti jew servizzi tal-logħob f'Manitoba jekk ma jkunx irreġistrat għal dan il-għan mil-Liquor and Gaming Control Authority. The Liquor and Gaming Control Authority għandha d-diskrezzjoni li tirreġistra proprjetarju, entità jew assoċjazzjoni kummerċjali, soġġett għal tali patti u kundizzjonijiet li hija tikkunsidra konsiljabbli, u tista' tagħti trattament preferenzjali lil ċittadini jew residenti permanenti f'Manitoba jew lil entitajiet jew assoċjazzjonijiet kummerċjali li jkollhom preżenza f'Manitoba.

Attivitajiet ta' Logħob - Skemi ta' Lotterija

4. Il-Gvern ta' Manitoba biss huwa awtorizzat li jmexxi u jiġġestixxi skemi ta' lotterija f'Manitoba li jaqgħu barra mill-awtorità tal-Liquor and Gaming Control Authority jew ta' korpi oħra awtorizzati li joħorġu liċenzji biex imexxu jew jiġġestixxu skemi ta' lotterija f'Manitoba. Il-Manitoba tmexxi u tiġġestixxi skemi ta' lotterija f'Manitoba permezz ta' The Manitoba Liquor and Lotteries Corporation, bħala aġent għal Manitoba. Il-Manitoba tmexxi u tiġġestixxi skemi ta' lotterija f'Manitoba u f'weħed jew aktar mill-ġuriżdizzjonijiet Kanadiżi f'kooperazzjoni mal-gvernijiet ta' dawk il-ġuriżdizzjonijiet l-oħra permezz tal-Western Canada Lottery Corporation and Interprovincial Lottery Corporation. The Manitoba Liquor and Lotteries Corporation, Western Canada Lottery Corporation u Interprovincial Lottery Corporation huma msejħa kollettivament bħala l-"Corporations".

5. Il-Manitoba u l-Corporations jistgħu jagħtu trattament preferenzjali lil ċittadini Kanadiżi jew lil residenti ta' Manitoba jew lil entitajiet kummerċjali bi preżenza f'Manitoba b'konnessjoni ma' xi waħda mill-attivitajiet ta' hawn fuq.

Tiġrijiet taż-Żwiemel u Mħatri

6. Ħadd ma jista' jopera korsa għat-tiġrijiet taż-żwiemel jew post tal-imħatri pari-mutuel jew jaġixxi bħala konċessjonarju fuq korsa għat-tiġrijiet taż-żwiemel jew f'post tal-imħatri f'Manitoba sakemm ma jkollhomx liċenzja mill-Horse Racing Commission. Il-Commission għandha d-diskrezzjoni li toħroġ liċenzji lil kwalunkwe persuna jew entità kummerċjali, soġġett għal tali patti u kundizzjonijiet li hija tikkunsidra konsiljabbli, u tista' tagħti trattament preferenzjali lil ċittadini Kanadiżi jew residenti permanenti f'Manitoba jew lil entitajiet kummerċjali li jkollhom uffiċċju f'Manitoba.

Riżervi applikabbli fi New Brunswick

Riżerva I-PT-59

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Agrikoltura, foresti u art imsaġġra oħra Prodotti tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 03, 531
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - New Brunswick
Miżuri:	*Crown Lands and Forest Act,* S.N.B. 1980, c. C-38.1
Deskrizzjoni:	**Investiment** Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet, kull liċenzja jew permess li jawtorizza l-qtugħ ta' njam tal-Istat għandhom jingħataw bil-kundizzjoni li l-injam kollu maqtugħ skont il-liċenzja jew permess irid jiġi pproċessat fi New Brunswick f'injam grezz, polpa jew prodotti oħra tal-injam.

Riżerva I-PT-60

Settur:	Minjieri
Subsettur:	Minjieri Industriji tal-barrieri u l-bjar taż-żejt
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 11, 12, 13, 14, 15, 16
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - New Brunswick
Miżuri:	*Mining Act*, S.N.B. 1985, c. M-14.1
Deskrizzjoni:	**Investiment** Fiż-żmien meta tingħata l-liċenzja għall-estrazzjoni jew fi kwalunkwe żmien wara, lokatarju għandu jipproċessa jew ikompli jipproċessa fil-Provinċja kwalunkwe minerali estratti fil-Provinċja skont il-lokazzjoni tal-estrazzjoni, jekk il-Ministru jkun jeħtieġ dan.

Riżerva I-PT-61

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Servizzi ta' aġenti b'kummissjoni Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Servizzi bl-imnut (likuri, inbid u birra, ħwienet tal-likuri, l-inbid u l-birra) Il-manifattura tax-xorb alkoħoliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 24 (ħlief 244), 62112, 62226, 63107
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - New Brunswick
Miżuri:	*Liquor Control Act,* R.S.N.B. 1973, c. L-10
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. The New Brunswick Liquor Commission ("ANBL") hija aġenzija Statali tal-Gvern ta' New Brunswick li hija l-uniku importatur u grossista, bejjiegħ bl-imnut u distributur tax-xorb alkoħoliku fi New Brunswick. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li New Brunswick tirregola u tawtorizza l-importazzjoni, ix-xiri, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-forniment, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ tax-xorb alkoħoliku fi New Brunswick. L-ANBL tistabbilixxi, għad-diskrezzjoni tagħha, ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni li jridu jiġu ssodisfati jew superati sabiex tkompli r-relazzjoni ta' importazzjoni, distribuzzjoni u bejgħ bl-imnut ma' kwalunkwe fornitur sew jekk domestiku kif ukoll internazzjonali. 2. L-ANBL tirriżerva d-dritt li fuq bażi preferenzjali tippromwovi jew tikkummerċjalizza prodotti ta' xorb alkoħoliku maħdum lokalment.

Riżervi applikabbli fi Newfoundland u Labrador

Riżerva I-PT-62

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Iż-żejt grezz u l-gass naturali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 120, 7112, 71232, 7131, 7422, 8675, 883, 887
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq (CPC 71232 u 7422 biss) Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Canada-Newfoundland u Labrador Atlantic Accord Implementation Newfoundland u Labrador Act,* R.S.N.L. 1990, c. C-2 *Canada-Newfoundland Atlantic Accord – February 11, 1985* *Energy Corporation Act,* S.N.L. 2007, c. E-11.01 *Petroleum and Natural Gas Act,* RSNL 1990, c. P-10
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Newfoundland u Labrador jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward l-esplorazzjoni, il-produzzjoni, l-estrazzjoni, l-iżvilupp u t-trasport tal-idrokarburi, u l-konċessjoni ta' drittijiet esklużivi għat-tħaddim ta' sistemi tad-distribuzzjoni tal-idrokarbur u ta' faċilitajiet ta' ħżin, inkluż, pipelines tal-idrokarbur, distribuzzjoni bil-baħar, faċilitajiet ta' trasbord u servizzi ta' trasport. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Newfoundland u Labrador jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Newfoundland u Labrador.

Riżerva I-PT-63

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Elettriċità Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 171, 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Electric Power Control Act*, *1994*, S.N.L. 1994, c. E-5.1 *Energy Corporation Act*, S.N.L. 2007, c. E-11.01 *Energy Corporation of Newfoundland u Labrador Water Rights Act*, S.N.L. 2008, c. E-11.02 *Hydro Corporation Act, 2007*, SNL 2007, c. H-17 *Lower Churchill Development Act*, RSNL 1990, c. L-27 *Lands Act,* SNL 1991, c. 36 *Water Resources Act,* SNL 2002, c. W-401

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Il-miżuri ta' hawn fuq, fost l-oħrajn, jippermettu li l-Gvern ta' Newfoundland u Labrador:
   (a) jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-produzzjoni, il-ġenerazzjoni, l-iżvilupp, it-trażmissjoni (inkluż il-kontroll tas-sistema), id-distribuzzjoni, it-twassil, il-forniment u l-esportazzjoni tal-elettriċità, u li jipprovdi għall-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-faċilitajiet relatati;
   (b) jipprovdi għall-konċessjoni ta' artijiet jew ilmijiet fid-dominju tal-Provinċja għal prodott, sors jew qawwa ta' enerġija minn fejn huwa possibbli li tiġi ġġenerata l-elettriċità, inkluż l-istallazzjoni ta' turbini tar-riħ u żviluppi idroelettriċi; kif ukoll
   (c) jistabbilixxi u jimmodifika r-rati tal-elettriċità.
2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Newfoundland u Labrador jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Newfoundland u Labrador.

Riżerva I-PT-64

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Injam grezz Prodotti tal-injam,tas-sufru, tat-tiben u materjali tal-insiġ Prodotti tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam Polpa, karta u prodotti tal-karta Il-manifattura tal-injam u tal-prodotti tal-injam u tas-sufru, ħlief l-għamara. Il-manifattura ta' artikoli magħmula mit-tiben u materjal tal-insiġ, fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 031, 31, 321, 88430
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq (CPC 31 biss) Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Forestry Act*, R.S.N.L. 1990, c. F-23 *Forest Protection Act*, R.S.N.L. 1990, c. F-22 *Plant Protection Act*, R.S.N.L. 1990, c. P-16

Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Newfoundland u Labrador jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-produzzjoni, l-estrazzjoni u l-iżvilupp ta' riżorsi tal-forestrija u prodotti relatati fil-Provinċja. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Newfoundland u Labrador jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Newfoundland u Labrador.

Riżerva I-PT-65

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Prodotti tal-agrikoltura Forestrija u sajd Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa ta' materja prima għall-agrikoltura u ta' annimali ħajjin Servizzi inċidentali għall-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija Servizzi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 01, 021, 029, 04, 21, 22, 6221, 62224, 881 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur u 8814), 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Farm Products Corporation Act,* R.S.N.L. 1990, c. F-5 *Natural Products Marketing Act,* R.S.N.L. 1990, c. N-2 *Poultry and Poultry Products Act,* R.S.N.L. 1990, c. P-18

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Newfoundland u Labrador jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u alimentari u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-ħut u l-ferijiet selvaġġi fil-Provinċja, inkluż miżuri relatati mal-ġestjoni tal-forniment ta' prodotti tal-ħalib, bajd u prodotti tat-tjur. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Newfoundland u Labrador jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Newfoundland u Labrador.

Riżerva I-PT-66

Settur:	Sajd
Subsettur:	Sajd u prodotti oħra tas-sajd Ħut ippreparat u ppriżervat Servizzi kummerċjali bl-ingrossa ta' prodotti tal-ħut Servizzi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 04, 212, 62224, 882
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Fisheries Act,* S.N.L. 1995, c. F-12.1 *Aquaculture Act*, R.S.N.L. 1990, c. A-13 *Fish Inspection Act,* R.S.N.L. 1990, c. F-12 *Fishing Industry Collective Bargaining Act,* R.S.N.L. 1990, c. F-18 *Fish Processing Licensing Board Act,* S.N.L. 2004, c. F-12.01 *Professional Fish Harvesters Act,* S.N.L. 1996, c. P-26.1 *Lands Act*, S.N.L. 1991, c. 36 *Water Resources Act*, S.N.L. 2002 c. W-4.01
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Newfoundland u Labrador jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-ħut u tal-ħut tal-akkwakultura inkluż it-trasferiment, it-twassil jew it-trażmissjoni ta' prodotti tal-baħar mis-sajjieda, l-akkwakulturi u l-akkwirenti sussegwenti. Dawn il-miżuri jipprevedu l-impożizzjoni ta' rekwiżiti tal-prestazzjoni f'ċerti ċirkostanzi.

Riżerva I-PT-67

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Corporations Act,* R.S.N.L 1990, c. C-36
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Mill-inqas 25 fil-mija tad-diretturi fil-kumpaniji kollha skont il-*Corporations Act* iridu jkunu Kanadiżi residenti, ħlief: (a) entità korporattiva li ġiet inkorporata f'*The Companies Act,* u kompliet taħt *Corporation Act*, u wara l-1 ta' Jannar, 1987 żammet l-istess proporzjon ta' diretturi mhux residenti bħal ma kellha qabel l-1 ta' Jannar 1987. jew (b) korporazzjoni li ma għandha ebda dħul fil-Kanada. 2. Id-diretturi ta' korporazzjoni inkorporata fil-*Corporations Act* ma tistax tagħmel tranżazzjoni kummerċjali waqt laqgħa tad-diretturi sakemm mill-inqas 25 fil-mija tad-diretturi jkunu residenti Kanadiżi, ħlief jekk direttur li huwa resident Kanadiż u ma jkunx jista' jattendi l-laqgħa japprova, bil-miktub jew bit-telefon u mezz ieħor ta' komunikazzjoni, t-tranżazzjoni kummerċjali, u mill-inqas 25 fil-mija tad-diretturi fil-laqgħa kienu jkunu residenti Kanadiżi kieku dak id-direttur kien preżenti.

Riżerva I-PT-68

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi ta’ stħarriġ fuq il-wiċċ tal-art
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86753
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Land Surveyors Act, 1991,* S.N.L. 1991, c. C-37
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza permanenti Kanadiża hija meħtieġa biex jinħareġ ċertifikat ta' awtoritzzazzjoni lil ditta, soċjetà f'isem kollettiv jew entità korporattiva biex tipprattika l-istħarriġ fuq il-wiċċ tal-art fil-Provinċja.

Riżerva I-PT-69

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi ta' investigazzjoni privata u sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 873
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Private Investigation and Security Services Act*, R.S.N.L. 1990, c. P-24
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Biex id-detentur ta' liċenzja jkun jista' jagħti servizzi ta' aġenzija ta' investigazzjoni privata jew sigurtà irid ikun ċittadin Kanadiż jew residenti permanenti fil-Kanada, u l-amministratur ta' tali negozju jridu normalment ikun residenti fil-Kanada. 2. Il-maġġoranza tal-bord tad-diretturi trid tkun residenti permanenti fil-Kanada.

Riżerva I-PT-70

Settur:	Turiżmu
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-kaċċa, aġenziji tal-gwidi tat-turisti Kaċċa għall-kont proprju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7472, 8813, 96419
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Wild Life Act*, R.S.N.L. 1990, c. W-8
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** 1. Persuni li mhumiex residenti fil-Provinċja jridu jimpjegaw gwidi liċenzjati biex iwettqu ċerti attivitajiet ta' kaċċa liċenzjati fil-Provinċja. 2. Persuni li mhumiex residenti fil-Provinċja ma jistgħu jiksbu ċerti tipi ta' liċenzji, u huma meħtieġa li jiksbu liċenzji ta' mhux residenti biex iwettqu ċerti attivitajiet ta' sajd fil-Provinċja. 3. Ir-residenza Kanadiża hija meħtieġa sabiex wieħed jikseb liċenzja bħala gwida.

Riżerva I-PT-71

Settur:	Art
Subsettur:	Art għar-rikreazzjoni u art miftuħa oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 5330
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Lands Act*, S.N.L. 1991, c. 36 Policy Directive FT. 004 (Emenda 1), 2001
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ir-residenti permanenti fil-Provinċja biss huma eliġibbli għal liċenzja residenzjali ta' dar tal-kampanja għal art Statali.

Riżerva I-PT-72

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi tat-trasport bil-ferrovija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 711
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Rail Service Act, 2009*, S.N.L. 2009, c. R-1.2
Deskrizzjoni:	**Investiment** Persuna li tfittex li tixtri, topera jew tibni servizz tal-ferrovija fil-Provinċja trid l-ewwel tikseb approvazzjoni mill-Provinċja. Din l-approvazzjoni tista' tingħata bil-patti u kundizzjonijiet li Provinċja tikkunsidra xierqa. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, din l-approvazzjoni tista' tinvolvi deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, inkluż l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni.

Riżerva I-PT-73

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi oħra ta' trasport fuq l-art
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Aquaculture Act*, R.S.N.L. 1990, c. A-13 *Fisheries Act*, S.N.L. 1995, c. F-12.1 *Fish Inspection Act*, R.S.N.L. 1990, c. F-12 *Liquor Corporation Act*, R.S.N.L. 1990, c. L-19 *Liquor Control Act*, R.S.N.L. 1990, c. L-18 *Motor Carrier Act*, R.S.N. 1990, c. M-19 *Professional Fish Harvesters Act*, S.N.L. 1996, c. P-26.1
Deskrizzjoni:	**Investiment** Testijiet ta' utilità u bżonn pubbliku huma applikati għat-trasportazzjoni tal-passiġġieri u għal ċerti subsetturi tat-trasport tal-merkanzija fil-Provinċja. Il-kriterji rigward l-approvazzjoni jinkludu: l-adegwatezza tal-livelli kurrenti tas-servizz, il-kundizzjonijiet tas-suq li jistabbilixxu l-bżonn ta' espansjoni fis-servizz, l-impatt ta' dawk li jidħlu ġodda fl-utilità pubblika, kif ukoll l-idoneità, id-disponibbiltà u l-abbiltà tal-applikant li jipprovdi servizz adegwat. Jistgħu jiġu imposti rekwiżiti ta' prestazzjoni.

Riżerva I-PT-74

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Labour Relations Act,* R.S.N.L. 1990, c. L-1
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-miżura ta' hawn fuq tippermetti li l-Lieutenant Governor in Council ta' Newfoundland u Labrador joħroġ digrieti għal proġetti speċjali. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn id-digrieti jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi u limitazzjonijiet fuq l-investiment jew l-aċċess għas-suq jew rabtiet magħhom, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Newfoundland u Labrador jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Newfoundland u Labrador.

Riżerva I-PT-75

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali, sportivi u servizzi assoċjati
Subsettur:	Servizzi ta' logħob tal-azzard u tal-imħatri Servizzi inċidentali għall-manifattura ta' prodotti tal-metall, makkinarju u tagħmir
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8844, 885, 96492
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq (CPC 8844 u 885 biss) Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Lotteries Act*, S.N.L. 1991, c. 53
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-miżura ta' hawn fuq tippermetti li l-Gvern ta' Newfoundland u Labrador jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward is-servizzi, il-forniturи tas-servizzi, il-manifattura, il-forniturи ta' materjali, l-operazzjonijiet u t-tiswija rigward il-lotteriji, l-iskemi ta' lotterija u l-magni tal-vidjolotteriji, il-logħob tal-azzard, it-tiġrijiet, postijiet tal-imħatri, swali tal-bingo, casinos u l-konkorsi promozzjonali. 2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Newfoundland u Labrador jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Newfoundland u Labrador.

Riżerva I-PT-76

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Servizzi ta' aġenti b'kummissjoni Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Servizzi bl-imnut (likuri, inbid u birra, ħwienet tal-likuri, l-inbid u l-birra) Il-manifattura tax-xorb alkoħoliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 24 (ħlief 244), 62112, 62226, 63107, 643 u 88411
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Liquor Corporation Act*, R.S.N.L. 1990, c. L-19 *Liquor Control Act*, R.S.N.L. 1990, c. L-18
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Newfoundland u Labrador jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-forniment, il-bejgħ, u l-kummerċjalizzazzjoni tax-xorb alkoħoliku. 2. In-Newfoundland Liquor Corporation topera bħala monopolju responsabbli għad-distribuzzjoni, il-forniment, it-trasport, il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni tax-xorb alkoħoliku. 3. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Newfoundland u Labrador jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Newfoundland u Labrador.

Riżerva I-PT-77

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi legali (nutara)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*Notaries Public Act,* R.S.N.L. 1990, c. N-5
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ċittadini Kanadiżi li huma residenti fil-Provinċja biss huma eliġibbli li jsiru nutara pubbliċi għall-Provinċja.

Riżervi applikabbli għat-Territorji tal-Majjistral

Riżerva I-PT-78

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi legali (nutara pubbliċi)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Territorjali - Territorji tal-Majjistral
Miżuri:	*Evidence Act*, R.S.N.W.T. 1988, c. E-8, s. 79
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Persuna li tfittex li tinħatar bħala nutar pubbliku trid tkun tirrisjedi fit-Territorji tal-Majjistral u tkun jew ċittadin Kanadiż jew persuna li għandha *status* ta' resident permanenti fil-Kanada.

Riżerva applikabbli f'Nova Scotia

Riżerva I-PT-79

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi ta' kontabilità
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 862
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Certified General Accountants Act*, S. N.S. 1998, c. 10 *Certified Management and Accountants of Nova Scotia Act*, S.N.S. 2005, c. 35 *Public Accountants Act*, R.S.N.S. 1989, c. 369 *Chartered Accountants Act*, S.N.S. 1994, c. 14
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Residenti tal-Kanada biss huma eliġibbli għal liċenzja biex jipprattikaw bħala kontabilisti pubbliċi f'Nova Scotia u biex jużaw id-dežinjazzjoni "Public Accountant".

Riżerva I-PT-80

Settur:	Turiżmu u servizzi rekreazzjonali
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-kaċċa Aġenziji tal-gwidi turistiċi Kaċċa għall-kont proprju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7472, 8813, 96419
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Wildlife Act*, R.S.N.S. 1989, c. 504
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenti ta' Nova Scotia biss huma eliġibbli għal liċenzja għall-kaċċa tal-annimali bil-fer jew għall-kaċċa taċ-ċriev. Persuni li mhumiex residenti jistgħu jkunu soġġetti għal superviżjoni minn gwida kkwalifikat meta jkunu qed jikkaċċjaw jew jistadu fi xmajjar dežinjati.

Riżerva I-PT-81

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport tal-merkanzijka fuq it-toroq pubbliċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7123
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*The Public Utilities Act,* R.S., c. 380, s. 1
Deskrizzjoni:	**Investiment** Testijiet ta' utilità u bżonn pubbliku huma applikati għas-subsetturi tat-trasport tal-merkanzija fil-Provinċja. il-kriterji rigward l-approvazzjoni jinkludu l-adegwatezza tal-livelli kurrenti tas-servizz, il-kundizzjonijiet tas-suq li jistabbilixxu l-bżonn ta' espansjoni fis-servizz, l-impatt ta' dawk li jidħlu ġodda fuq l-utilità pubblika, kif ukoll l-idoneità, id-disponibbiltà u l-abbiltà tal-applikant li jipprovdi servizz adegwat. Jistgħu jiġu imposti rekwiżiti ta' prestazzjoni.

Riżerva I-PT-82

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport interurban bil-karozzi tal-linja u servizzi skedati
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7121
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Public Utilities Act*, R.S.N.S. 1989, c. 380
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-għoti ta' liċenzji lil dawk li jidħlu ġodda huwa soġġett għal testijiet ta' utilità u bżonn pubbliku li jinkludu: l-istudju tal-adegwatezza tal-livelli kurrenti tas-servizz; il-kundizzjonijiet tas-suq li jistabbilixxu l-ħtieġa għal espansjoni fis-servizz; l-impatt ta' dawk li jidħlu ġodda fuq l-utilità pubblika, inkluż il-kontinwità u l-kwalità tas-servizz; u l-idoneità, id-disponibbiltà u l-kapaċità tal-applikant li jipprovdi servizz adegwat. Jistgħu jiġu imposti rekwiżiti ta' prestazzjoni.

Riżerva I-PT-83

Settur:	Art
Subsettur:	Art oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 539
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Land Titles Clarification Act*, R.S.N.S. 1989, c. 250
Deskrizzjoni:	**Investiment** Applikant li jagħmel pretensjoni għal biċċa art f'żona ta' kjarifikazzjoni għat-titlu tal-art fuq il-bażi ta' preskrizzjoni akwiżittiva storika jrid ikun residenti f'Nova Scotia.

Riżerva I-PT-84

Settur:	Servizzi ta' kreditu u ġbir
Subsettur:	Servizzi ta' rappurtar dwar il-kreditu u ta' aġenzija tal-ġbir Aġenziji ta' rappurtar għall-konsumaturi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87901, 87902, 87909
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Consumer Creditors' Conduct Act,* R.S.N.S., c. 91 *Consumer Protection Act,* R.S.N.S., c. 92 *Consumer Reporting Act,* R.S.N.S., c. 93 *Consumer Services Act,* R.S.N.S., c. 94 *Direct Sellers Licensing and Regulation Act,* R.S.N.S. 1989, c. 129
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Kemm jekk bħala persuna jew bħala soċjetà f'isem kollettiv, applikant għar-reġistrazzjoni bħala aġenzija ta' rappurtar għall-konsumaturi jrid ikun ċittadin Kanadiż jew ammess legalment fil-Kanada jew abitwalment residenti. Applikant korporattiv irid ikun inkorporat fil-Kanada jew irreġistrat biex iwettaq negozju f'Nova Scotia. Aġenzija ta' rappurtar għall-konsumaturi, kemm jekk bħala persuna, soċjetà f'isem kollettiv jew korporazzjoni, għandha topera minn post fiss għan-negozju f'Nova Scotia, li jkun miftuħ għall-pubbliku matul il-ħinijiet normali tan-negozju. 2. Is-servizzi ta' rappurtar dwar il-kreditu u ta' aġenzija tal-ġbir iridu jingħataw permezz ta' preżenza kummerċjali. 3. Biex iforni servizzi ta' aġent għall-konsumatur wieħed irid ikun residenti permanenti. 4. Applikazzjoni għal liċenzja teħtieġ indirizz għas-servizz f'Nova Scotia u l-bejjiegħa diretta jeħtieġ li jkollhom post ta' kummerċ permanenti f'Nova Scotia.

Riżerva I-PT-85

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Servizzi ta' aġenti b'kummissjoni Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Servizzi bl-imnut (likuri, inbid u birra, ħwienet tal-likuri, l-inbid u l-birra) Il-manifattura tax-xorb alkoħoliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 24 (ħlief 244), 62112, 62226, 63107, 643, 88411
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Liquor Control Act*, R.S.N.S. 1989, c. 260
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-miżura ta' hawn fuq tippermetti li l-Provinċja, permezz tal-monopolju tan-Nova Scotia Liquor License Corporation, tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward ix-xiri, l-importazzjoni, il-pussess, it-twassil u l-bejgħ tax-xorb u tal-merkanzija. 2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, din il-miżura tista' tinvolvi deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Nova Scotia jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-attivitajiet kummerċjali sostantivi tagħhom f'Nova Scotia.

Riżerva I-PT-86

Settur:	Servizzi tal-komunità u personali
Subsettur:	Organizzazzjonijiet reliġjużi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 95910
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Solemnization of Marriage Act*, R.S.N.S. 1989, c. 436
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenti ta' Nova Scotia biss jistgħu jiġu rreġistrati bħala persuni awtorizzati biex iwettqu żwiġijiet.

Riżerva I-PT-87

Settur:	Minjieri
Subsettur:	Industriji tal-barrieri, u l-bjar taż-żejt
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 11, 12, 13, 14, 15, 16, 883
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Mineral Resources Act*, S.N.S. 1990, c. 18
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Ħlief għall-ittestjar, l-ebda persuna ma għandha toħroġ mill-Provinċja għal post barra mill-Kanada għall-finijiet ta' proċessar, l-output ta' minjiera li tinsab fil-Provinċja mingħajr ma l-ewwel tikseb il-kunsens tal-Ministru. 2. Jekk ma jinkisibx kunsens jista' jiġi ordnat li jitħallsu penali ekwivalenti għal tliet darbiet id-dritt dovut għall-użu ta' proprjetà li operatur ikun altrimenti meħtieġ iħallas. 3. Drittijiet differenzjali japplikaw ukoll għall-output ta' minjieri barra minn Nova Scotia.

Riżerva I-PT-88

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Servizzi ta' logħob tal-azzard u tal-imħatri Servizzi inċidentali għall-manifattura
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8844, 885, 96492
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq (għal CPC 8844 u 885 biss) Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Gaming Control Act*, S.N.S. 1994-95, c. 4
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-miżura ta' hawn fuq tippermetti li l-Provinċja tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward is-servizzi, il-forniturи tas-servizzi, il-manifattura, il-forniturи ta' materjali, l-operazzjonijiet u t-tiswija rigward il-lotteriji, l-iskemi ta' lotterija u l-magni tal-vidjolotteriji, il-logħob tal-azzard, it-tiġrijiet, postijiet tal-imħatri, swali tal-bingo, casinos u l-konkorsi promozzjonali. 2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Nova Scotia jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-attivitajiet kummerċjali sostantivi tagħhom f'Nova Scotia.

Riżerva I-PT-89

Settur:	Servizzi tal-komunità u personali
Subsettur:	Servizzi funerarji, ta' kremazzjoni u tal-kummissjonanti tal-funerali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9703
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Embalmers and Funeral Directors Act*, R.S.N.S., c. 144
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-Ministru għandu s-setgħa li jirrifjuta li joħroġ jew li joħroġ mill-ġdid liċenzja fir-rigward ta' aġenzija ta' servizzi funebri għal kwalunkwe ġustifikazzjoni raġonevoli. 2. Ir-regolament jipprevedi li persuna li tapplika għal liċenzja ta' imbalzmatur apprendist trid tkun lestiet kors ta' studju jew tnejn f'Nova Scotia. Jekk persuna tkun lestiet kors ta' studju f'ġuriżdizzjoni li mhijiex Nova Scotia, il-Bord għandu d-diskrezzjoni li japprova jew jaċetta l-kors ta' studju.

Riżerva I-PT-90

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Petroleum u gass naturali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 120, 7112, 71232, 7131, 7422, 8675, 883, 887
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq (CPC 71232 u 7422 biss) Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Canada-Nova Scotia Offshore Petroleum Resources Accord Implementation (Nova Scotia) Act*, S.N.S. 1987, c. 3 *Crown Lands Act*, R.S.N.S. 1989, c. 114 *Gas Distribution Act*, S.N.S. 1997, c. 4 *Offshore Petroleum Royalty Act*, S.N.S. 1987, c. 9 *Petroleum Resources Act*, R.S.N.S. 1989, c. 342 *Petroleum Resources Removal Permit Act*, S.N.S. 1999, c. 7 *Pipeline Act*, R.S.N.S. 1989, c. 345 *Public Utilities Act*, R.S.N.S. 1989, c. 380

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. L-amministrazzjoni pubblika ta' Nova Scotia tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward l-esplorazzjoni, il-produzzjoni, l-estrazzjoni, l-ipproċessar, l-iżvilupp u t-trasport tal-idrokarburi, u l-konċessjoni ta' drittijiet esklużivi għat-tħaddim ta' sistemi tad-distribuzzjoni tal-idrokarbur u ta' faċilitajiet ta' ħżin, inkluż, pipelines tal-idrokarbur, distribuzzjoni bil-baħar, faċilitajiet ta' trasbord u servizzi ta' trasport.
2. Il-konċessjoni ta' awtorizzazzjonijiet jista' jinvolvi deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Nova Scotia jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-attivitajiet kummerċjali sostantivi tagħhom f'Nova Scotia.

Riżerva I-PT-91

Settur:	Sajd
Subsettur:	Sajd u prodotti oħra tas-sajd Ħut ippreparat u ppriżervat Servizzi kummerċjali bl-ingrossa ta' prodotti tal-ħut Servizzi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 04, 212, 62224, 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Fisheries and Coastal Resources Act*, R.S.N.S. 1996, c. 25 *Fisheries Organizations Support Act*, S.N.S., 1995-96, c. 6

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Provinċja tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-ħut u tal-ħut tal-akkwakultura inkluż it-trasferiment, it-twassil jew it-trażmissjoni ta' prodotti tal-baħar mis-sajjieda, l-akkwakulturi u l-akkwirenti sussegwenti.
2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Nova Scotia jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-attivitajiet kummerċjali sostantivi tagħhom f'Nova Scotia.

Riżerva I-PT-92

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Prodotti tal-injam, tas-sufru, tat-tiben u materjali tal-insiġ Prodotti tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam Polpa, karta u prodotti tal-karta Il-manifattura tal-injam u tal-prodotti tal-injam u tas-sufru, ħlief l-għamara. Il-manifattura ta' artikoli magħmula mit-tiben u materjal tal-insiġ, fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 031, 31, 321, 88430
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq (CPC 31 biss) Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Crown Lands Act*, R.S.N.S. 1989, c. 114 *Forests Act*, R.S.N.S. 1989, c. 179 *Primary Forests Products Marketing Act*, R.S.N.S. 1989, c. 355
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Provinċja tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-produzzjoni, l-estrazzjoni u l-iżvilupp ta' riżorsi tal-forestrija u prodotti relatati fil-Provinċja. 2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Nova Scotia jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-attivitajiet kummerċjali sostantivi tagħhom f'Nova Scotia.

Riżerva I-PT-93

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Prodotti tal-agrikoltura Forestrija u sajd Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' materja prima għall-agrikoltura u ta' annimali ħajjin Servizzi inċidentali għall-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija Servizzi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 01, 021, 029, 04, 21, 22, 6221, 881 ((ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur u 8814), 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Natural Products Act*, R.S.N.S. 1989, c. 308 *Dairy Industry Act*, S.N.S. 2000, c. 24 *Agriculture and Rural Credit Act*, R.S.N.S. 1989, c. 7 *Agriculture and Marketing Act*, R.S.N.S., c. 6
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-miżuri ta' ħawn fuq jippermettu li l-Provinċja tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u alimentari u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-ħut fil-Provinċja, inkluż miżuri relatati mal-ġestjoni tal-forniment ta' prodotti tal-ħalib, bajd u prodotti tat-tjur. 2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Nova Scotia jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-attivitajiet kummerċjali sostantivi tagħhom f'Nova Scotia.

Riżerva I-PT-94

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Elettriċità Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 17, 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Nova Scotia
Miżuri:	*Crown Lands Act*, R.S.N.S. 1989, c. 114 *Electricity Act*, S.N.S. 2004, c. 25 *Nova Scotia Power Privatization Act*, S.N.S. 1992, c. 8 *Nova Scotia Power Reorganization (1998) Act*, S.N.S. 1998, c. 19 *Public Utilities Act*, R.S.N.S. 1989, c. 380 *Renewable Electricity Regulations*, O.I.C. 2010-381 (October 12, 2010), N.S. Reg. 155/2010

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Il-miżuri ta' hawn fuq, fost l-oħrajn, jippermettu li l-Gvern ta' Nova Scotia:
   (a) jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-produzzjoni, l-iżvilupp, l-operazzjoni u l-manutenzjoni tal-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni (inkluż il-kontroll tas-sistema), id-distribuzzjoni, it-twassil, l-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-forniment tal-elettriċità, inkluż l-elettriċità ġġenerata minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;
   (b) jipprovdi għall-konċessjoni ta' artijiet jew ilmijiet fil-Provinċja għal kwalunkwe prodott, sors jew qawwa ta' enerġija minn fejn huwa possibbli li tiġi ġġenerata l-elettriċità, inkluż l-istallazzjoni ta' turbini tar-riħ u żviluppi idroelettriċi; u
   (c) jistabbilixxi u jimmodifika r-rati tal-elettriċità, inkluż it-tariffi feed-in.
2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Nova Scotia jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-attivitajiet kummerċjali sostantivi tagħhom f'Nova Scotia.

Riżervi applikabbli f'Nunavut

Riżerva I-PT-95

Settur:	Turiżmu, agrikoltura
Subsettur:	Oħrajn - servizzi inċidentali għall-kaċċa Kaċċa, sajd u industriji tal-insib Aġenziji ta' gwidi turistiċi (turiżmu f'żoni naturali) Kaċċa għall-kont proprju Annimali ħajjin Ġlud u ferijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 021, 0297, 7472, 8813, 96419
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Territorjali - Nunavut
Miżuri:	*Wildlife Act*, S. Nu. 2003, c. 26, s. 113
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Fl-allokazzjoni ta' liċenzji għan-negozjanti, liċenzji għall-gwidi, liċenzji għall-allevament tal-annimali bil-fer, liċenzji għall-allevament ta' tjur u annimali tal-kaċċa, liċenzji għall-konzar jew liċenzji għall-ibbalzmar, tingħata preferenza lill-applikanti li jkunu għamlu r-residenza prinċipali tagħhom fiż-żona tan-Nunavut Settlement għal mill-inqas 18-il xahar konsekuttiv qabel ressqu l-applikazzjoni tagħhom. Tingħata wkoll preferenza lil applikazzjonijiet li x'aktarx jipprovdu benefiċċji diretti lill-ekonomija Nunavut, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' impjiegi għar-riżorsi umani u ekonomiċi lokali.

Riżerva I-PT-96

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi legali (nutara pubbliċi)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Territorjali - Nunavut
Miżuri:	*Evidence Act*, R.S.N.W.T. 1988, c. E-8, s. 79
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Kull persuna li tfittex li tinħatar bħala nutar pubbliku trid tkun tirrisjedi f'Nunavut u tkun jew ċittadin Kanadiż jew persuna li għandha *status* ta' resident permanenti fil-Kanada.

Riżervi applikabbli f'Ontario

Riżerva I-PT-97

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Business Corporations Act*, R.S.O. 1990, c. B.16, ss. 118(3), 126(2), u 45(1)(b) Atti leġiżlattivi speċjali li jinkorporaw kumpaniji speċifiċi
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Mill-inqas 25 fil-mija tad-diretturi f'korporazzjoni (minbarra korporazzjoni li hijiex residenti) iridu jkunu Kanadiżi residenti. Jekk id-diretturi huma inqas minn erbgħa, mill-inqas wieħed irid ikun residenti Kanadiż. Il-maġġoranza tal-laqgħat tad-diretturi kull sena jridu jsiru fil-Kanada. 2. Jistgħu jiġu imposti limiti fuq it-trasferiment u s-sjieda ta' ishma fil-kumpaniji. Il-korporazzjonijiet jistgħu jbiegħu l-ishma tal-azzjonisti mingħajr il-kunsens tagħhom u jixtru ishma biex jikkwalifikaw għal ċerti benefiċċji li huma bbażati fuq rekwiżiti ta' sjieda minimi Kanadiżi.

Riżerva I-PT-98

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-manifattura
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 884, 885
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Technical Standards and Safety Act, 2000,* S.O. 2000, c. 16 *Upholstered and Stuffed Articles*, O. Reg. 218/01 ss. 8, and 17
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ħlief għal oġġetti użati, l-ebda persuna ma għandha tbiegħ jew toffri għall-bejgħ oġġetti li huma ttapizzati jew mimlijin li ma ġewx manifatturati minn manifattur liċenzjat f'Ontario jew manifatturati f'ġuriżdizzjoni ddeżinjata.

Riżerva I-PT-99

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Servizzi ta' logħob tal-azzard u tal-imħatri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 96492
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Ontario
Miżuri:	*Gaming Control Act, 1992*, S.O. 1992, c. 24 General O. Reg. 78/12 Order in Council 1413/08, ss. 3(b) u 16(i)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ontario tirregola l-assistenti tal-logħob u l-forniturи ta' servizzi u tagħmir relatat mal-iskemi tal-lotteriji, inkluż il-logħob tax-xorti, l-imħatri, il-bingos, il-casinos u l-konkorsi promozzjonali, inkluż permezz tal-monopolji provinċjali. L-introjtu jrid jintuża biex jipprovdi benefiċċji diretti lir-residenti ta' Ontario.

Riżerva I-PT-100

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Aġenti tal-ġbir
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87902
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Collection and Debt Settlement Services Act*, R.S.O. 1990, c. C-14 *General*, R.R.O. 1990, Reg. 74, ss. 12(2)(a), u19.1
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Huma biss eliġibbi li jirreġistraw bħala aġenti tal-ġbir u li jidħlu fin-negozju ta' aġenzija tal-ġbir f'Ontario ċittadini Kanadiżi, residenti permanenti jew persuni abitwalment residenti fil-Kanada. 2. Korporazzjoni trid tiġi inkorporata skont il-leġiżlazzjoni Kanadiża (federali jew provinċjali) biex tkun tista' twettaq in-negozju ta' aġenzija tal-ġbir f'Ontario. Hemm eżenzjonijiet skont l-att u r-regolament għal servizzi ta' konsulenza tal-kreditu mingħajr qliegħ.

Riżerva I-PT-101

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt Servizzi ta' proprjetà immobbli li jinvolvu proprjetà privata jew ta' lokazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, 822
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Real Estate and Business Brokers Act, 2002,* S.O. 2002, c. 30, Sched. C *General,* O. Reg. 567/05 para.2 of ss. 4(1) u ss. 24(1)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Is-servizzi ta' proprjetà immobbli jridu jingħataw permezz ta' preżenza kummerċjali f'Ontario.

Riżerva I-PT-102

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Prodotti tal-inbid
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 242
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Wine Content and Labelling Act,* S.O 2000, c. 26, Sched. P *Content of Wine,* O. Reg. 659/00
Deskrizzjoni:	**Investiment** Fabbrika tal-inbid f'Ontario tista' tbigħ inbid maħdum minn taħlita ta' prodotti tal-għeneb importati u domestiċi b'minimu ta' 25 fil-mija kontenut ta' għeneb minn Ontario kull flixkun.

Riżerva I-PT-103

Settur:	Turiżmu
Subsettur:	Aġenziji tal-ivvjaġġar, operaturi tal-ivvjaġġar u servizzi ta' gwidi turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7471
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Travel Industry Act*, *2002,* S.O. 2002, c. 30, Sched. D, s. 4(1) *General*, O. Reg. 26/05, para.1 ta' s. 5, u ss. 10(1)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Biex tirreġistra bħala aġent tal-ivvjaġġar u grossista tal-ivvjaġġar persuna trid tkun residenti f'Ontario. 2. Dawk li jirreġistraw jistgħu jwettqu negozju biss jekk il-post tan-negozju jkun f'Ontario.

Riżerva I-PT-104

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Prodotti tal-agrikoltura Servizzi inċidentali għall-agrikoltura
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 01, 8811 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur)
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Wild Rice Harvesting Act*, R.S.O., 1990, c. W. 7, ss. 1 u 3(2)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Persuna li tkun qed tfittex li taħsad ir-ross selvaġġ minn artijiet tal-Istat trid tikseb liċenzja. Dawk li kienu jirrisjedu f'Ontario għal 12-il xahar konsekuttivi immedjatament qabel l-applikazzjoni huma eliġibbli għal liċenzja.

Riżerva I-PT-105

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Stħarriġ topografiku (stħarriġ katastali)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86753
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Surveyors Act*, R.S.O. 1990, c. S.29, ss. 3(6), 5(1), 12(1), 14(2) u (3) *General*, O. Reg. 1026, s. 23
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Persuni residenti fil-Kanada biss jistgħu jiksbu liċenzja biex iwettqu stħarriġ katastali. Residenti fil-Kanada biss jistgħu jservu bħala kunsilliera fl-Association of Ontario Land Surveyors ("AOLS"). 2. Korporazzjoni trid primarjament toffri servizzi ta' stħarriġ professjonali u 50 fil-mija tad-diretturi fuq il-bord iridu jkunu membri tal-AOLS sabiex jiksbu Ċertifikat ta' Awtorizzazzjoni biex ikunu jistgħu joffru servizzi ta' stħarriġ katastali. Jekk il-korporazzjoni toffri stħarriġ katastali mill-inqas direttur wieħed jew impjegat full time iridu jkunu lliċenzjati mill-AOLS.

Riżerva I-PT-106

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-kaċċa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8813
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Fish and Wildlife Conservation Act*, S.O. 1997, c. 41, s. 1(1) *Hunting,* O.Reg. 665/98, s. 37
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Residenti biss tista' tinħarġilhom liċenzja biex jaqbdu ż-żrinġijiet barri għall-bejgħ jew għat-tpartit. Persuna residenti hija residenti permanenti jew għandha r-residenza ewlenija tagħha f'Ontario u tkun irrisjediet f'Ontario għal sitt xhur fit-12-il xahar preċedenti.

Riżerva I-PT-107

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-kaċċa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8813
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Fish and Wildlife Conservation Act*, S.O. 1997, c. 41, s. 1(1) *Trapping,* O. Reg. 667/98, s. 11(1)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ċittadini Kanadiżi biss jew residenti f'Ontario tista' tinħarġilhom liċenzja biex jikkaċċjaw jew jonsbu annimali tal-fer. Residenti f'Ontario huwa ddefinit bħala persuna li għandha r-residenza primarja tagħha f'Ontario u li tkun irrisjediet f'Ontario għal sitt xhur fit-12-il xahar preċedenti.

Riżerva I-PT-108

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Servizzi sportivi Servizzi inċidentali għall-kaċċa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9641, 8813
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Fish and Wildlife Conservation Act*, S.O. 1997, c. 41 *Hunting,* O. Reg. 665/98, s. 12 Ontario Hunter Education Program Standards, Wildlife Policy Section, 2014
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenti ta' Ontario biss huma eliġibbli biex jinħatru biex jgħallmu korsijiet dwar l-edukazzjoni tal-kaċċa.

Riżerva I-PT-109

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-kaċċa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8813
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Fish and Wildlife Conservation Act*, S.O. 1997, c. 41, ss. 1(1), and 32 *Hunting,* O. Reg. 665/98, ss. 94 and 95
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Biex ikun eliġibbli għal liċenzja biex jagħmilha ta' gwida għall-kaċċa fid-distrett territorjali ta' Rainy River u għall-kaċċa tal-għasafar tal-passa fuq Lake St. Clair, applikant irid ikun residenti f'Ontario jew fil-Kanada. Residenti huwa persuna li tkun irrisjediet f'Ontario għal sitt xhur konsekuttivi immedjatament qabel l-applikazzjoni għal-liċenzja.

Riżerva I-PT-110

Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni
Subsettur:	Servizzi kummerċjali bl-ingrossa ta' prodotti tal-ħut
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 62224
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Freshwater Fish Marketing Act*, R.S.O. 1990, c. F.33
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-ebda persuna ma tista' tikkontrolla x-xiri jew il-bejgħ tal-ħut f'Ontario jekk mhux awtorizzata fl-Att rilevanti.

Riżerva I-PT-111

Settur:	Forestrija
Subsettur:	Biċċiet tal-injam koniferu Biċċiet tal-injam mhux koniferu Il-manifattura tal-injam u tal-prodotti tal-injam u tas-sufru, ħlief l-għamara. Il-manifattura ta' artikoli magħmula mit-tiben u materjal tal-insiġ, fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 0311, 0312, 8843
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Ontario
Miżuri:	*Crown Forest Sustainability Act*, S.O. 1994, c. 25, ss. 30 and 34 *General,* O. Reg. 167/95

Deskrizzjoni:

Investiment

1. Il-liċenzji għar-riżorsi forestali li jawtorizzaw il-ħsad ta' siġar tal-Istat huma soġġetti għall-kundizzjoni li s-siġar kollha jinħadmu fil-Kanada f'injam grezz, polpa, jew prodotti oħra.
2. Il-liċenzji għar-riżorsi forestali jinħarġu għal żoni ta' art speċifiċi. Għaldaqstant hemm limiti għall-għadd ta' liċenzji li jinħarġu.
3. Il-Ministru jista' jemenda liċenzja għar-riżorsi forestali skont ir-Regolament 167/95, li jeħtieġ li jitressaq pjan ta' ġestjoni tal-foresti rigward l-objettivi soċjali u ekonomiċi. Il-ħtiġijiet u l-benefiċċji tal-komunitajiet lokali se jingħataw prijorità fl-isforz ta' ppjanar u l-istabbiliment u l-ksib tal-objettivi qabel dawk ta' komunitajiet mhux lokali.

Riżerva I-PT-112

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Veterinarians Act*, R.S.O. 1990, c. V. 3 *General,* O. Reg. 1093/90
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għall-prattika tal-mediċina veterinarja f'Ontario huma eliġibbli biss ċittadini Kanadiżi jew residenti permanenti fil-Kanada, jew ta' *status* ieħor skont l-*Immigration and Refugee Protection Act*, S.C. 2001, c. 27, b'konsistenza mal-klassi tal-liċenzja li ssir l-applikazzjoni għaliha.

Riżerva I-PT-113

Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni
Subsettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Livestock Medicines Act*, R.S.O. 1990, c. L.-23 *General,* O. Reg. 730/90
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Dawk biss li għandhom post tan-negozju stabbilit f'Ontario huma eliġibbli għal liċenzja biex ibiegħu mediċina tal-bhejjem f'Ontario. Il-liċenzji jistgħu jinħarġu lil bejjiegħa li jkunu stabbilixxew post tan-negozju temporanju f'avvenimenti bħal tiġrijiet u fieri jew wirjiet agrikoli.

Riżerva I-PT-114

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi legali (dokumentazzjoni legali u servizzi ta' ċertifikazzjoni)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86130
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Notaries Act*, R.S.O. 1990, c. N.6, s. 2(1)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Biex persuna li mhix avukat jew prokuratur legali tinħatar nutar pubbliku f'Ontario irid ikollha ċittadinanza Kanadiża.

Riżerva I-PT-115

Settur:	Minerali tal-ħadid u minerali oħra, elettriċità, gass u ilma
Subsettur:	Gass naturali Enerġija elettrika
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 120, 17, 334, 713, 887
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Ontario Energy Board Act,* S.O. 1998, c. 15, Sched. B *Electricity Act,* S.O. 1998, c. 15, Sched. A *Green Energy Act,* S.O. 2009, c. 12, Sched. A *Green Energy and Green Economy Act, 2009,* S.O. 2009, c. 12 *Municipal Franchises Act*, R.S.O. 1990, c. M-55

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. L-amministrazzjoni pubblika ta' Ontario u l-awtoritajiet, l-entitajiet u l-aġenziji tal-enerġija tiegħu inkluż, l-Independent Electricity System Operator, l-Ontario Power Generation Inc., Hydro One Inc. u l-Ontario Energy Board, u s-suċċessuri tagħhom jew dawk assenjati minnhom, jistgħu jippermettu li persuna jew entità jew aktar jistabbilixxu jew jespandu l-infrastruttura tal-pipelines, l-elettriċità u gass jew li jipproduċu, jittrażmettu, jiddistribwixxu, jikkonservaw, jamministraw (id-domanda u l-load), jaħżnu, ibigħu, ibigħu bl-imnut u jikkummerċjalizzaw l-enerġija (inkluż l-elettriċità, il-gass naturali jew l-enerġija rinnovabbli) fi kwalunkwe reġjun ta' Ontario inkluż fuq kurituri tal-art. Barra minn hekk, il-Gvern ta' Ontario jew wieħed mill-awtoritajiet ta' enerġija tiegħu, l-Ontario Energy Board, jew is-suċċessuri tiegħu jew dawn assenjati minnu, jistgħu jirregolaw ir-rati, il-ħżin, l-istandards jew is-servizzi li jipprovdu l-ażjendi ta' produzzjoni, distribuzzjoni, trażmissjoni, bejgħ, bejgħ bl-imnut, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ħżin f'Ontario.
2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, il-miżuri u l-azzjonijiet li jieħdu l-awtoritajiet, entitajiet u aġenziji tal-enerġija ta' Ontario imsemmijin hawn fuq u s-suċċessuri tagħhom jew dawk assenjati, jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskriminatorji, ibbażati fuq fatturi li jagħtu trattament preferenzjali favur:
   (a) ir-residenti ta' Ontario jew
   (b) entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tan-negozju f'Ontario.
3. Għal aktar ċertezza, kwalunkwe intrapriża li tiġi ffurmata b'konformità mal-liġijiet ta' Ontario u li jkollha l-post tan-negozju f'Ontario, għandha tiġi ttrattata bl-istess manjiera bħal intrapriża li hija residenti f'Ontario.

Riżerva I-PT-116

Settur:	Minjieri
Subsettur:	Minerali tal-ħadid, minerali oħra Il-manifattura ta' metalli bażiċi fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 14, 16, 8851
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Mining Act*, R.S.O. 1990, c. M.14, 1990, s. 91
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-minerali kollha tal-ħadid u minerali oħra li jinkisbu jew jiġu sfruttati minn artijiet, konċessjonijiet minerarji jew minn drittijiet ta' estrazzjoni f'Ontario jridu jiġu trattati u raffinati fil-Kanada biex minnhom joħroġ il-metall raffinat jew prodott xieraq ieħor għall-użu dirett fl-arti mingħajr trattament, sakemm il-Lieutenant Governor in Council ma jeżentax xi artijiet, konċessjonijiet minerarji jew drittijiet t' estrazzjoni mill-eżekuzzjoni ta' dan ir-rekwiżit.

Riżerva I-PT-117

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport interurban
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 71213
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Public Vehicles Act*, R.S.O 1990, c. P-54
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-ħruġ ta' liċenzji għat-tħaddim ta' vetturi pubbliċi huwa suġġett għal test tal-bżonn u l-utilità amministrat mill-Ontario Transport Highway Board.

Riżerva I-PT-118

Settur:	Servizzi edukattivi
Subsettur:	Servizzi ta' ċertifikazzjoni tas-sewwieqa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9290
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Highway Traffic Act*, R.S.O. 1990, c. H.8, s. 32 (5) Ħruġ ta' liċenzji tas-sewwieqa, approvazzjonijiet *Drivers' Licences*, O. Reg. 340/94 *Licences for Driving Instructors and Driving School,* O. Reg. 473/07 Politika tal-programm għaċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa Programm edukattiv għall-prinċipjanti fis-sewqan Kors ta' perfezzjonament għas-sewwieqa tal-karozzi tal-iskejjel
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Biex ikun eliġibbli għal liċenzja biex jagħti korsijiet ta' edukazzjoni u taħriġ għas-sewwieqa f'Ontario, inkluż id-Driver Certification Program, l-Ischool Bus Driver Improvement Course, u l-Beginner Driver Education Program, applikant irid ikun il-proprjetarju jew il-lokatur ta' bini f'Ontario li jservi bħala l-uffiċċju u l-klassijiet tal-iskola tas-sewqan.

Riżerva I-PT-119

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Co-operative Corporations Act*, R.S.O. 1990, c. C. 35, ss. 14(1) u 85 (3)
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Il-maġġoranza tad-diretturi ta' kull kooperattiva għandhom ikunu residenti fil-Kanada. 2. Il-kumpaniji kooperattivi jrid ikollhom l-uffiċċju prinċipali f'Ontario.

Riżerva I-PT-120

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Servizzi ta' aġenti b'kummissjoni Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Servizzi bl-imnut (likuri, inbid u birra, ħwienet tal-likuri, l-inbid u l-birra) Il-manifattura tax-xorb alkoħoliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 24 (ħlief 244), 62112, 62226, 63107
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Liquor Control Act*, R.S.O. 1990, c. L. 18 *General,* O. Reg. 717/90 *Alcohol and Gaming Regulation and Public Protection Act*, R.S.O. 1996, c. 26, Sched. *Assignment of Powers and Duties,* O. Reg. 141/01 Politiki u prattiki tar-Registrar of the Alcohol and Gaming Commission ta' Ontario
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li Ontario tirregola u tawtorizza l-importazzjoni, ix-xiri, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-forniment, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ tax-xorb alkoħoliku f'Ontario u li twettaq dawn l-attivitajiet, inkluż permezz ta' monopolji provinċjali. Il-birra tista' tinbiegħ fi ħwienet awtorizzati mill-gvern. 2. Ir-Registrar of Alcohol and Gaming jawtorizza lill-manifatturi tal-inbid, il-likuri u l-birra ta' Ontario biex joperaw ħwienet għall-bejgħ tal-inbid, likur u birra tagħhom rispettivament. L-Alcohol and Gaming Commission ta' Ontario tawtorizza wkoll biss lil The Beer Store għall-bejgħ tal-birra domestika u importata.

Riżerva I-PT-121

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Art agrikola, foresti u art imsaġġra oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 5310
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Municipal Act*, S.O 2001, c. 25, s. 308.1 *Assessment Act*, R.S.O. 1990, c. A.31, s. 7 *General*, O. Reg. 282/98
Deskrizzjoni:	**Investiment** Art agrikola u art forestali ġestita minn ċittadin Kanadiż jew persuna legalment ammessa fil-Kanada għal residenza permanenti, jew minn korporazzjoni li aktar minn 50 fil-mija tad-drittijiet tal-vot tagħha huma kkontrollati minn ċittadini Kanadiżi jew persuni legalment ammessi fil-Kanada għal residenza permanenti, huma soġġetti għal tnaqqis fit-taxxa fuq il-proprjetà.

Riżerva I-PT-122

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi ta' awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 862
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Credit Unions and Caisses Populaires Act*, S.O 1994, c. 11, s. 160
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Kontabilist jew ditta ta' kontabilisti jkunu kkwalifikati li jkunu awdituri ta' kooperattiva ta' kreditu jekk il-kontabilista, jew fil-każ ta' ditta ta' kontabilisti, il-membru jew impjegat tad-ditta, ikunu abitwalment residenti fil-Kanada.

Riżerva I-PT-123

Settur:	Servizz ta' organizzazzjonijiet ta' sħubija
Subsettur:	Dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8613, 95910
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Ontario
Miżuri:	*The Marriage Act*, R.S.O 1990, c. M.3, ss. 11 u 20
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ontario tirriżerva d-dritt li tillimita l-kategorija ta' persuni eliġibbli li joħorġu liċenzji taż-żwiġijiet, inkluż fuq il-bażi ta' residenza, u li tkun teħtieġ li persuna rreġistrata skont l-Att biex tmexxi ċ-ċerimonji taż-żwiġijiet tkun residenti f'Ontario jew ikollha inkariġu f'parroċċa jew inkariġu pastorali kollu jew parti minnu f'Ontario.

Riżerva I-PT-124

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Prodotti tal-agrikoltura Forestrija u sajd Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa ta' materja prima għall-agrikoltura u ta' annimali ħajjin Servizzi inċidentali għall-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija Servizzi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 01, 021, 029, 04, 21, 22, 881 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur u 8814), 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Farm Products Marketing Act*, R.S.O., c. F-9 *Milk Act*, R.S.O. 1990, c. M. 12

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Provinċja tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u alimentari fil-Provinċja, inkluż miżuri relatati mal-ġestjoni tal-forniment ta' prodotti tal-ħalib, bajd u prodotti tat-tjur.
2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, il-miżuri u l-azzjonijiet li jieħdu l-awtoritajiet, entitajiet u aġenziji ta' Ontario imsemmijin hawn fuq, jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskriminatorji, ibbażati fuq fatturi li jagħtu trattament preferenzjali favur:
   (a) ir-residenti ta' Ontario jew
   (b) entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tan-negozju f'Ontario.

Riżerva I-PT-125

Settur:	Servizzi kummerċjali
Subsettur:	Bejgħ, manutenzjoni u servizzi ta' tiswija ta' vetturi bil-mutur
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 611, 612
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Ontario
Miżuri:	*Motor Vehicle Dealers Act*, S.O. 2002, c. 30, Sched. B
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Vettura bil-mutur trid tiġi rreġistrata u operata biss minn post awtorizzat fir-reġistrazzjoni tad-dealer. Il-post awtorizzat irid ikun f'Ontario.

Riżervi applikabbli fi Prince Edward Island

Riżerva I-PT-126

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi arkitettorali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8671
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Architects Acts*, R.S.P.E.I. 1988, c. A-18.1 Digrieti tal-Architects Association ta' Prince Edward Island
Deskrizzjoni:	**Investiment** Fil-każ ta' intrapriża bi proprjetarju uniku, soċjetà f'isem kollettiv, jew korporazzjoni li tapplika għal ċertifikat ta' prattika biex tħaddem il-professjoni ta' arkitett fi Prince Edward Island żewġ terzi tas-sħab, id-diriġenti jew id-diretturi tas-soċjetà f'isem kollettiv jew tal-korporazzjoni jridu jkunu arkitetti; u mhux inqas mill-maġġoranza tal-azzjonijiet maħruġa f'kull klassi ta' azzjonijiet bi dritt tal-vot tal-korporazzjoni jkunu ta' sjieda benefiċjarja jew irreġistrati f'isem arkitetti.

Riżerva I-PT-127

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Industrija tal-assigurazzjoni u tal-aġenti tal-proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, 822
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Real Estate Trading Act*, R.S.P.E.I. 1988, R -2
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Biex tbiegħ proprjetà immobbli, persuna fiżika jrid ikollha liċenzja għall-proprjetà immobbli minn Prince Edward Island. Ir-Registrar ma għandux joħroġ liċenzja lil persuna sakemm din ma tkunx ċittadin Kanadiż jew ikollha *status* ta' residenti permanenti fil-Kanada.

Riżerva I-PT-128

Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni
Subsettur:	Il-bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 613
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Petroleum Products Act*, R.S.P.E.I. 1988, P-5.1
Deskrizzjoni:	**Investiment** Biex toħroġ liċenzja rigward it-tħaddim ta' punt tal-bejgħ ġestit minn bejjiegħ bl-imnut, il-Commission għandha tikkunsidra l-interess pubbliku, l-utilità u l-bżonn billi tapplika tali kriterji li l-Commission tista' minn żmien għal żmien tikkunsidra kunsiljabbli.

Riżerva I-PT-129

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Prince Edward Island Lands Protection Act*, R.S.P.E.I. 1988, L-5 Regolamenti dwar it-Tariffi u Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni tal-Artijiet
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Persuni li mhumiex residenti jridu japplikaw biex jakkwistaw aktar minn ħames ejkers ta' art jew art li tkun tagħti għall-plajja b'faċċata ta' aktar minn 165 pied u jirċievu permess mil-Lieutenant Governor in Council. Faċċata li tagħti fuq il-plajja tinkludi, iżda mhux biss, art kontigwa ma' oċeani, xmajjar, għadajjar, u bwar. 2. Il-amministrazzjoni pubblika ta' Prince Edward Island toħroġ permessi lil persuni li mhumiex residenti skont l-Att u tista' timponi kundizzjonijiet aktar iebsa inkluż li l-art tiġi identifikata skont il-programm ta' identifikazzjoni tal-art għall-użu agrikolu jew użu li ma jinkludix żvilupp. 3. Ir-residenti ta' Prince Edward Island biss huma eliġibbli għal ribass fuq it-taxxa tal-proprjetà għal proprjetà immobbli mhux kummerċjali.

Riżerva I-PT-130

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Rappurtar dwar il-kreditu għall-konsumaturi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87901
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Consumer Reporting Act*, R.S.P.E.I. 1988, C-20
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Kull aġenzija ta' rappurtar għall-konsumatur irreġistrata skont l-Att għandha topera minn post fiss ta' negozju fi Prince Edward Island.

Riżerva I-PT-131

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Legal Profession Act*, 1992 c. 39, R.S.P.E.I. 1988, L-6.1
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Biex tkun eliġibbli li tkun ammessa fil-Law Society ta' Prince Edward Island u tipprattika l-liġi, persuna fiżika trid tkun ċittadin Kanadiż jew residenti permanenti fil-Kanada.

Riżerva I-PT-132

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Prodotti tal-agrikoltura Annimali ħajjin u prodotti mill-annimali Laħam Prodotti tal-ħalib Prodotti tal-ikel m.k.b.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 01, 02, 21, 22, 239, 6221, 62112
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Natural Products Marketing Act,* R.S.P.E.I. 1988, N-3 *Dairy Industry Act,* R.S.P.E.I. 1988, D-1 *Agricultural Products Standards Act,* R.S.P.E.I. 1988, A-9 *Dairy Producers Act,* R.S.P.E.I. 1988, D-2 *Agricultural Insurance Act,* R.S.P.E.I. 1988, A-8.2 *Animal Health and Protection Act*, R.S.P.E.I., A-11.1 *Grain Elevators Corporation Act*, R.S.P.E.I. 1993, c. 8 *Plant Health Act,* R.S.P.E.I. 1990, c. 45

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li Prince Edward Island tirregola u toħroġ awtorizzazzjonijiet dwar kwistjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, inkluż ix-xiri, il-bejgħ, l-imballaġġ, il-klassifikazzjoni, il-ħżin, il-promozzjoni, ir-riċerka u l-offerta għall-bejgħ, rigward, iżda mhux biss: tjur, bajd, prodotti tal-ħalib, ħnieżer, frat, patata u dundjani, u inkluż il-produzzjoni u t-trasport fl-eżekuzzjoni ta' dawn l-Atti.
2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Prince Edward Island jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Prince Edward Island.

Riżerva I-PT-133

Settur:	Sajd u akkwakultura
Subsettur:	Kummerċ bl-ingrossa ta' prodotti tal-ħut Servizzi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 04, 62224, 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Fisheries Act*, R.S.P.E.I. 1988, F-13.01 *Fish Inspection Act*, R.S.P.E.I. 1988, F-13 *Certified Fisheries Organizations Support Act*, R.S.P.E.I. 1988, C-2.1 *Natural Products Marketing Act,* R.S.P.E.I. 1988, N-3
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li Prince Edward Island tirregola u toħroġ awtorizzazzjonijiet dwar kwistjoni li tirrigwarda r-riżorsi u l-prodotti tas-sajd, inkluż: il-manutenzjoni u l-iżvilupp tar-riżorsi tas-sajd; ix-xiri u l-ipproċessar tal-ħut; u kull kwistjoni jew oġġett ieħor biex jingħata effett sħiħ lil dawn l-Atti. 2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Prince Edward Island jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Prince Edward Island.

Riżerva I-PT-134

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Petroleum u gass naturali Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 17, 120, 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Energy Corporation Act,* R.S.P.E.I. 1988, E-7 *Renewable Energy Act,* R.S.P.E.I. 2004, C-16 *Oil and Natural Gas Act,* R.S.P.E.I. 1988, O-5 *Electric Power Act,* R.S.PE.I. 1988, E-4
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li Prince Edward Island tirregola u toħroġ awtorizzazzjonijiet dwar kwistjoni li tirrigwarda l-enerġija u s-sistemi tal-enerġija, iż-żejt u l-gass naturali, u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli inkluż: il-ġenerazzjoni, l-akkumulazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-forniment, ix-xiri, l-użu u d-disponiment tal-enerġija; it-tħaffir ta' bjar u l-produzzjoni u l-konservazzjoni taż-żejt u tal-gass naturali; u ġeneralment għall-eżekuzzjoni ta' kull għan jew dispożizzjoni ta' dawn l-Atti. 2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Prince Edward Island jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Prince Edward Island.

Riżerva I-PT-135

Settur:	Agrikoltura, forestrija u prodotti tas-sajd
Subsettur:	Prodotti tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam Servizzi inċidentali għall-forestrija u għall-qtugħ tas-siġar għall-injam
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 03, 8814
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Forest Management Act,* R.S.P.E.I. 1988, F-14 *Public Forest Council Act,* R.S.P.E.I. 2001, C-48
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li Prince Edward Island tirregola u toħroġ awtorizzazzjonijiet dwar kwistjoni li tirrigwarda l-prodotti forestali, inkluż: il-konservazzjoni, il-protezzjoni, il-ħsad, l-estrazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti forestali; il-ħruġ ta' liċenzji, iċ-ċertifikazzjoni tal-produtturi forestali; l-importazzjoni ta' pjanti jew materjali tal-pjanti; tariffi u imposti oħra u ġeneralment għall-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Atti. 2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Prince Edward Island jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Prince Edward Island.

Riżerva I-PT-136

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Servizzi ta' aġenti b'kummissjoni Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Servizzi bl-imnut (likuri, inbid u birra, ħwienet tal-likuri, l-inbid u l-birra) Il-manifattura tax-xorb alkoħoliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 24 (ħlief 244), 62112, 62226, 63107
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Liquor Control Act*, R.S.P.E.I. 1988, L-14
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-Liquor Control Commission ("PEILCC") ta' Prince Edward Island hija aġenzija tal-Istat tal-amministrazzjoni pubblika ta' Prince Edward Island li hija l-importatur uniku u tikkontrolla x-xiri, id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' xorb alkoħoliku fi Prince Edward Island. Il- PEILCC timmaniġġa l-maħżen, l-uffiċċji, u ċ-ċentru ta' distribuzzjoni tad-detentur tal-liċenzja (Licensee Distribution Centre.). Il-kummissjoni tforni u tamministra l-operazzjonijiet tal-ħwienet tax-xorb bl-imnut u l-Licensee Distribution Centre. 2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Prince Edward Island jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Prince Edward Island.

Riżerva I-PT-137

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Servizzi ta' logħob tal-azzard u tal-imħatri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 96492
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Prince Edward Island
Miżuri:	*Lotteries Commission Act*, R.S.P.E.I. 1988, L-17
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-Lotteries Commission ta' Prince Edward Island hija awtorizzata skont l-Att li tiżviluppa, torganizza, timpenja ruħha, tmexxi u timmaniġġa skemi ta' lotterija, sistemi ta' mħatri pari-mutuel, u logob fuq l-internet f'isem l-amministrazzjoni pubblika tal-Provinċja jew l-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' provinċji oħra li jkollom xi ftehim ma' din il-Provinċja rigward kwalunkwe tali skemi ta' lotterija jew sistemi ta' mħatri pari-mutuel. 2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Prince Edward Island jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali u l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom fi Prince Edward Island.

Riżervi applikabbli f'Québec

Riżerva I-PT-138

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting the acquisition of farm land by non-residents*, C.Q.L.R., c. A-4.1 *Regulation respecting the declaration of non-resident status in the application for registration of the acquisition of farm land*; C.Q.L.R., c. A-4.1, r. 1 *Regulation respecting an application for authorization and the information and documents required for the application*, C.Q.L.R., kapitolu A-4.1, r. 2 *Regulation respecting the tariff of duties, fees, costs made under the Act respecting the acquisition of farm land by non-residents*, C.Q.L.R., c. A-4.1, r. 3 *An Act respecting the preservation of agricultural land and agricultural activities,* C.Q.L.R., c. P-41.1, u r-regolamenti *An Act respecting the lands in the domain of the State*, C.Q.L.R., c. T-8.1 *Regulation respecting the sale, lease and granting of immovable rights on lands in the domain of the State*, C.Q.L.R., c. T-8.1, r. 7

Deskrizzjoni: **Investiment**

1. L-akkwist dirett jew indirett ta' art agrikola minn mhux residenti tal-Québec irid jiġi awtorizzat mill-Commission de protection du territoire agricole du Québec. Meta tirċievi applikazzjoni għal awtorizzazzjoni minn mhux residenti tal-Québec, il-kummissjoni tqis l-użi possibbli tal-art għal skopijiet agrikoli u l-konsegwenzi ekonomiċi tagħhom.
2. F'reġjun agrikolu ddeżinjat l-ebda persuna ma tista' tuża biċċa art għal xi skop li mhuwiex agrikolu mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-kummissjoni, li tqis fatturi soċjoekonomiċi speċifiċi meta tieħu deċiżjoni.
3. Ir-residenti ta' Québec, jingħataw prijorità fix-xiri jew il-lokazzjoni ta' art fid-dominju tal-Istat.

Riżerva I-PT-139

Settur:	Agrikoltura, forestrija u sajd
Subsettur:	Prodotti tal-agrikoltura Ortikultura u ġardinaġġ kummerċjali Annimali ħajjin u prodotti mill-annimali Injam grezz Sajd u prodotti oħra tas-sajd Laħam, ħut, frott, ħaxix, żjut u xaħmijiet Prodotti tal-ħalib Prodotti mill-qmuħ midħuna Lamti u prodotti tal-lamtu Prodotti oħra tal-ikel Servizzi inċidentali għall-agrikoltura Servizzi inċidentali għat-trobbija tal-annimali Servizzi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 01, 02, 031, 04, 21, 22, 23, 8811 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur), 8812, 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*Professional Syndicates Act*, C.Q.L.R., c. S-40 *An Act respecting the marketing of agricultural, food and fish products*, C.Q.L.R., c. M-35.1 *Règlement des producteurs d'œufs d'incubation sur le contingentement*, C.Q.L.R., c. M-35.1, r. 223 *Règlement sur les quotas des producteurs d'œufs de consommation du Québec*, C.Q.L.R., c. M-35.1, r. 239
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Pjanijiet konġunti għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u bordijiet ta' kummerċjalizzazzjoni tal-produtturi jistgħu jiġu amministrati minn sindakati professjonali. Ċittadini Kanadiżi biss jistgħu jitolbu li jiffurmaw sindakat professjonali u li jkunu membri tal-kunsill amministrattiv tiegħu. 2. Ċittadini Kanadiżi biss jista' jkollhom aċċess għar-riżerva ta' produtturi ġodda tat-tifqis tal-bajd, huma eliġibbli għal ċerti programmi u jistgħu jibbenefikaw minn trasferimenti ta' kwoti tal-bajd barra mis-sistema ċentralizzata.

Riżerva I-PT-140

Settur:	Agrikoltura, forestrija u sajd
Subsettur:	Prodotti tal-ħut Servizzi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 04, 882
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Québec
Miżuri:	*Marine Products Processing Act,* C.Q.L.R., c. T-11.01
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Ministeru jista', permezz ta' regolamentazzjoni, jippreskrivi l-istandards minimi ta' proċessar li jrid jikkonforma magħhom l-operatur għat-tħejjija jew il-mili fil-laned ta' prodott tal-baħar. L-istandards jistgħu jvarjaw skont il-prodott tal-baħar.

Riżerva I-PT-141

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Prodotti u proprjetà kulturali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 963
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*Cultural Heritage Act,* C.Q.L.R., c. P-9.002
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Proprjetà patrimonjali kulturali tista' tinkludi dokument, proprjetà immobbli, oġġett jew sit partimonjali. Wara li jieħu l-parir tal-*Conseil du patrimoine culturel*, il-Ministru tal-Kultura u l-Komunikazzjonijiet jista' jikklassifika kwalunkwe proprjetà patrimonjali, fil-parti jew fl-intier tagħha, li l-għarfien, il-protezzjoni, it-titjib jew it-trażmissjoni tagħha hija fl-interess pubbliku. 2. L-awtorizzazzjoni mill-Ministru hija meħtieġa meta persuna, fiżika jew ġuridika, tixtieq tbiegħ jew tagħti b'xejn dokument jew oġġett patrimonjali kklassifikat lil xi amministrazzjoni pubblika jew dipartiment jew aġenzija tal-amministrazzjoni pubblika, li mhumiex il-*Gouvernement du Québec*, lil persuna fiżika li mhijiex ċittadin Kanadiż jew residenti permanenti fil-Kanada jew lil persuna ġuridika li ma għandhiex il-post prinċipali tan-negozju f'Québec. Proprjetà patrimonjali kklassifikata fid-dominju tal-Istat ma tistax tinbiegħ, tingħata b'ċens jew tingħata b'xejn mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Ministru. F'każi oħra ta' aljenazzjoni, hemm ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel.

Riżerva I-PT-142

Settur:	Servizzi tal-komunità, soċjali u personali
Subsettur:	Servizzi funerarji, ta' kremazzjoni u tal-kummissjonanti tal-funerali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9703
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting medical laboratories, organ and tissue conservation and the disposal of human bodies*, C.Q.L.R., c. L-0.2 *Regulation respecting the application of the Act respecting medical laboratories, organ and tissue conservation and the disposal of human bodies,* C.Q.L.R., c. L-0.2, r. 1 *An Act respecting prearranged funeral services and sepultures*, C.Q.L.R., c. A-23.001
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Persuna fiżika li titlob permess biex taġixxi bħala kummissjonant tal-funerali f'isimha jew f'isem persuna ġuridika, soċjetà f'isem kollettiv jew assoċjazzjoni li l-uffiċċju prinċipali tagħha huwa f'Québec, trid tkun irrisjediet f'Québec għal mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel tagħmel it-talba. 2. Persuna li titlob permess biex tagħmel ibbalzmar, kremazzjoni jew tanatoprassi mhijiex soġġetta għar-rekwiżit li tirrisjedi f'Québec sakemm tkun tirrisjedi fil-Kanada.

Riżerva I-PT-143

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi tat-taxi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 71221
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali - Québec
Miżuri:	*An Act respecting transportation services by taxi*, C.Q.L.R., c. S-6.01 *Taxi Transportation Regulation*, C.Q.L.R., c. S-6.01, r. 3, *Highway Safety Code*, C.Q.L.R., c. C-24.2 *Regulation respecting road vehicle registration*, C.Q.L.R., c. C-24.2, r. 29
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Biex jinħareġ, jiġi assenjat jew ittrasferit permess ta' proprjetarju ta' taxi mill-Commission des transports du Québec, persuna fiżika trid tkun ċittadin Kanadiż jew residenti permanenti fil-Kanada. Biex jinħarġilha permess ta' sewwieq ta' taxi mis-*Société de l'assurance automobile du Québec*, persuna fiżika trid tkun ċittadin Kanadiż jew residenti permanenti fil-Kanada. 2. Hemm limitu ta' 20 permess bħala proprjetarju ta' taxi għal kull persuna.

Riżerva I-PT-144

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport speċjali interurban Trasport ta' merkanzija oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 71214, 71239
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*Highway Safety Code*, C.Q.L.R., c. C-24.2 *Regulation respecting road vehicle registration*, C.Q.L.R., c. C-24.2, r. 29
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Skont l-International Registration Plan ("IRP"), il-portaturi jħallsu t-tariffa ta' reġistrazzjoni darba biss, lill-ġuriżdizzjoni bażi, li min-naħa tagħha tiżgura li vetturi debitament liċenzjati jivvjaġġaw lejn ġuriżdizzjonijiet oħra. Din is-sistema ta' tariffi korrispondenti taħdem fuq il-bażi tad-distanza koperta mill-vjaġġ f'kull ġuriżdizzjoni. Ċertifikat ta' reġistrazzjoni IRP huwa rikonoxxut mill-provinċji Kanadiżi u mill-istati tal-Istati Uniti tal-Amerika. Reġistrazzjoni korrispondenti tingħata biss lil persuna li jkollha post tan-negozju f'Québec u fejn mill-inqas waħda mill-vetturi tagħha takkumula l-kilometri.

Riżerva I-PT-145

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport bil-karozzi tal-linja
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 71211, 71212, 71213, 71214, 71222
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*Transport Act*, C.Q.L.R., c. T-12 *Bus Transportation Regulation*, C.Q.L.R., c. T-12, r. 16
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Meta toħroġ permessi għat-trasport bil-karozzi tal-linja, il-Commission des Transports du Québec tista' tapplika kriterji ta' bżonn pubbliku fit-territorju fejn ikun se jingħata s-servizz. Hija tista' tikkunsidra wkoll jekk hemmx il-possibilità li l-ħruġ tal-permess mitlub mill-applikant jirriżulta fit-tixjin ta' xi servizz ieħor ta' trasport bil-karozzi tal-linja jew ikollu impatt konsiderevoli fuq il-kwalità tiegħu.

Riżerva I-PT-146

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport bit-triq
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 71231, 71232, 71233, 71234
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting the Ministère des Transports*, C.Q.L.R., c. M-28 *Transport Act*, C.Q.L.R., c. T-12 *Regulation respecting the brokerage of bulk trucking services*, C.Q.L.R., c. T-12, r. 4 *An Act respecting owners, operators and drivers of heavy vehicles*, C.Q.L.R., c. P-30.3

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Il-Ministru tat-Trasport jiddetermina l-kundizzjonijiet li operatur ta' vetturi tqal li jkun lokalizzat barra minn Québec iżda fit-territorju ta' parti għall-Agreement on Internal Trade irid jissodisfa biex jirreġistra fir-reġistru tat-trasport ta' merkanzija sfuża. L-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet permessi huwa limitat. Operatur ta' vetturi tqal li jkun lokalizzat barra minn Québec għandu jżomm l-istabbiliment ewlieni tiegħu barra minn Québec u r-reġistrazzjoni tiegħu ma tistax tiġi ttrasferita.
2. Il-parteċipazzjoni fil-prestazzjoni ta' kuntratt tax-xogħol għall-kostruzzjoni, it-tiswija jew il-manutenzjoni tat-toroq mogħti mill-Ministeru tat-Trasport, hija limitata għal impriżi żgħar tat-trasport ta' merkanzija sfuża li jabbonaw għas-servizz ta' senserija ta' assoċjazzjoni li għandha permess ta' senserija, għall-minimu ta' 50 fil-mija tat-trasportazzjoni meħtieġa li għandha tiġi offerta lid-detentur tal-permess tas-senserija. Intrapriżi ta' trasport ta' merkanzija sfuża li mhumiex irreġistrati fir-reġistru jkollhom aċċess biss għall-kumplament tal-50 fil-mija tat-trasportazzjoni meħtieġa jekk id-detentur tal-permess tas-senserija jaċċetta l-offerta li jittrasporta 50 fil-mija tat-trasportazzjoni meħtieġa.
3. Biex tikseb permess ta' senserija, persuna ġuridika mhux għall-profitt jew kooperattiva għandha turi li hija tirrappreżenta mill-inqas 35 fil-mija tal-operaturi tal-vetturi tqal li huma rreġistrati għat-trasport ta' merkanzija sfuża u li għandha l-istabbiliment ewlieni tagħha fiż-żona fejn tkun applikat għall-permess. Operatur għandu jabbona għal servizzi ta' senserija fiż-żona ta' senserija fejn ikollu l-istabbiliment ewlieni tiegħu jew fiż-żona determinata mir-regolament.

Riżerva I-PT-147

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport bil-baħar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 72211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting the Société des Traversiers du Québec*, C.Q.L.R., c. S-14 *Transport Act*, C.Q.L.R., c. T-12
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-Commission des Transports du Québec għandha toħroġ jew tittrasferixxi permess għat-trasport ta' passiġġieri fuq l-ilma lil persuna li tapplika għalih fuq il-formola użata mill-Commission, jekk hija tikkunsidra li l-persuna tkun stabbilixxiet bżonn reali u urġenti għal servizz addizzjonali għal kull bastiment li jkun se jintuża, jekk applikabbli, fejn hija toffri lill-passiġġieri servizz bil-lanċa li jikkompeti ma' servizz ieħor bil-lanċa. 2. L-ebda persuna ma tista' tkun membru tal-bord tad-diretturi sakemm ma tkunx domiċiljata f'Québec.

Riżerva I-PT-148

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Servizzi sportivi u oħrajn rekreazzjonali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 964
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting safety in sports*, C.Q.L.R., c. S-3.1 *Regulation respecting combat sports*, C.Q.L.R., c. S-3.1, r. 11 *Regulation respecting combat sports licensing*, C.Q.L.R., c. S-3.1, r. 7
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Fir-rigward ta' sport ta' kumbattiment professjonali, persuna li mhijiex domiċiljata fil-Kanada ma tistax tikseb permess annwali ta' arbitru jew ġudikatur iżda tista' tikseb permess validu għal avveniment sportiv speċifiku.

Riżerva I-PT-149

Settur:	Aġenziji tal-ivvjaġġar, operaturi tal-ivvjaġġar u servizzi ta' gwidi turistiċi
Subsettur:	Aġenziji tal-ivvjaġġar Servizzi ta' operaturi tal-ivvjaġġa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7471
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*Travel Agents Act*, C.Q.L.R., c. A-10 *Regulation respecting travel agents*, C.Q.L.R., c. A-10, r. 1
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Persuna fiżika li tapplika għal liċenzja ta' aġent tal-ivvjaġġar fuq kont proprju trid tistabbilixxi jew iżżomm stabbiliment ewlieni f'Québec. L-assoċjazzjoni, Is-sħubija f'isem kollettiv jew il-persuna li f'isimha ssir applikazzjoni għal liċenzja trid tistabbilixxi u żżomm stabbiliment ewlieni f'Québec. Stabbiliment ewlieni huwa stabbiliment fejn isir it-tħaddim prinċipali tal-liċenzji.

Riżerva I-PT-150

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*Cooperatives Act*, C.Q.L.R., c. C-67.2 *Regulation under the Cooperatives Act,* C.Q.L.R., c. C-67.2, r. 1
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Il-*Cooperatives Act* ipoġġi limiti fuq il-ħruġ, it-trasferiment u s-sjieda tal-ishma. Is-sħubija tal-kooperattiva hija bil-kundizzjoni li l-membru fil-fatt juża s-servizzi li toffri l-kooperattiva u li l-kooperattiva tkun kapaċi tipprovdihom. Il-*Cooperatives Act* jistipula wkoll li kull membru tal-kooperattiva jew rappreżentant ta' persuna ġuridika jew ta' soċjetà f'isem kollettiv li huwa membru jista' jkun direttur. L-uffiċċju prinċipali ta' kooperattiva, federazzjoni jew konfederazzjoni jridu f'kull żmien ikun lokalizzat f' Québec. 2. Kooperattiva, federazzjoni jew konfederazzjoni trid teżegwixxi mal-membri tagħha proporzjon tan-negozju totali tagħha skont perċentwal determinat mir-regolamentazzjoni tal-gvern. Fil-każ ta' kooperattiva ta' solidarjetà, dan il-proporzjon jiġi kkalkulat separatament għall-membri li jkunu utenti tal-kooperattiva u għal dawk li jkunu ħaddiema tal-kooperattiva.

Riżerva I-PT-151

Settur:	Agrikoltura, forestrija u sajd
Subsettur:	Prodotti tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam Prodotti tal-injam, tas-sufru, tat-tiben u materjali tal-insiġ Polpa, karta u prodotti tal-karta
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 031, 31, 32
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting the Ministère des Ressources Naturelles et de la Faune*, C.Q.L.R., c. M-25.2 *Sustainable Forest Development Act*, C.Q.L.R., c. A-18.1
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. L-injam kollu maħsud fid-dominju tal-Istat, inkluż il-volumi ta' bijomassa, irid jiġi pproċessat kompletament f'Québec. Madankollu, l-amministrazzjoni pubblika tista', fuq kundizzjonijiet li hija tiddetermina, tawtorizza d-dispaċċ barra minn Québec ta' injam mhux kompletament ipproċessat mid-dominju tal-Istat jekk jidher li jmur kontra l-interess pubbliku li jsir hekk. 2. Il-Ministru jista' jieħu miżuri għall-iżvilupp ta' artijiet jew riżorsi forestali fid-dominju tal-Istat li huma taħt l-awtorità tiegħu jew tagħha sabiex jiġi nkoraġġit l-iżvilupp reġjonali jew l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe politika relatata oħra.

Riżerva I-PT-152

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Tiġrijiet taż-żwiemel
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 02113, 96492
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting racing*, C.Q.L.R., c. C-72.1 *Rules respecting the breeding of Québec Standardbred race horses*, C.Q.L.R., c. C-72.1, r. 6 *Rules respecting Certification*, C.Q.L.R., c. C-72.1, r. 1 *Rules respecting betting houses*, CQLR, c. C-72.1, r. 8 *Rules respecting Standardbred horse racing*, C.Q.L.R., c. C-72.1, r. 3 *Regulation respecting betting horses, C.*Q.L.R., c. C-72.1, r.7
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Ċittadini Kanadiżi biss jistgħu japplikaw għal liċenzja biex joperaw korsa tat-tlielaq, liċenzja biex jorganizzaw tlielaq jew liċenzja biex joperaw post tal-imħatri. 2. Persuna li tapplika għar-reġistrazzjoni ta' żiemel tal-għalla Standardbred mar-*Régie des alcools, des courses et des jeux* ("RACJ") trid tkun ilha residenti fil-Québec għal mill-inqas 183 jum. 3. Żiemel tat-tlielaq tal-Québec biss kif definit fir-*Rules respecting the breeding of Québec Standardbred race horses*, jista' jkun intitolat għal privileġġ jew vantaġġ.

Riżerva I-PT-153

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Servizzi ta' logħob tal-azzard u tal-imħatri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 96492
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting the Société des loteries du Québec*, C.Q.L.R., c. S-13.1 *An Act respecting the Régie des alcools des courses et des jeux,* C.Q.L.R. chapter R-6.1 *An Act respecting lotteries, publicity contests and amusement machines*, C.Q.L.R., c. L-6 *Lottery Scheme Rules*, C.Q.L.R., c. L-6, r. 12 *Rules respecting amusement machines*, C.Q.L.R., c. L-6, r. 2 *Rules respecting publicity contests*, C.Q.L.R., c. L-6, r. 6 *Rules respecting video lottery machines*, C.Q.L.R., c. L-6, r. 3 *Bingo Rules*, C.Q.L.R., c. L-6, r. 5

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Persuna li tapplika għal liċenzja biex tħaddem skema ta' lotteriji trid tkun ċittadina Kanadiża jew, fil-każ ta' kumpanija jew korporazzjoni, irid ikollha uffiċċju f'Québec.
2. Persuna li tixtieq tikseb liċenzja ta' operatur tal-magni tal-logħob jew liċenzja ta' kummerċjant trid tkun ċittadin Kanadiż u fil-każ ta' korporazzjoni jrid ikollha l-kwartieri ġenerali jew l-istabbiliment ewlieni tagħha fil-Kanada jew ikollha uffiċċju f'Québec.
3. Rigward il-magni tal-vidjolotteriji operati x'imkien li mhuwiex kasinò pubbliku, ir-*Régie des alcools, des courses et des jeux* ("RACJ") tista' tqis iċ-ċittadinanza Kanadiża jew ir-residenza fil-Kanada meta tifformola r-regoli li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet biex jinkisbu liċenzji kif ukoll standards, restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet ta' operazzjoni. L-RACJ tista' tiddetermina l-kundizzjonijiet rigward il-parteċipazzjoni ta' min jilgħab, jew standards, restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet relatati mal-promozzjoni, ir-reklamar jew il-programmi edukattivi li jirrigwardaw il-magni tal-vidjolotteriji, li jistgħu japplikaw ukoll, kollha jew f'parti, għal ċerti kategoriji ta' individwi.
4. Rigward il-bingo, proġetti li għalihom issir applikazzjoni minn organizzazzjoni ta' karità jew reliġjuża għal liċenzja ta' bingo fis-sala, bingo fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni jew bingo rikreattiv, iridu jsiru kompletament f'Québec. Persuni jew kumpaniji li japplikaw għal liċenzja ta' fornitur tal-bingo jrid ikollhom stabbiliment f'Québec.
5. L-ebda persuna ma tista' tkun membru tal-bord tad-diretturi sakemm ma tkunx domiċiljata f'Québec.

Riżerva I-PT-154

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Servizzi ta' aġenti b'kummissjoni Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Servizzi ta' kummerċ bl-imnut Xorb
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 24 (ħlief 244), 62112, 62226, 63107
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting the Société des alcools du Québec*, C.Q.L.R., c. S-13 *Regulation respecting cider and other apple-based alcoholic beverages*, C.Q.L.R., c. S-13, r. 4 *Regulation respecting wine and other alcoholic beverages made or bottled by holders of a wine maker's permit*, C.Q.L.R., c. S-13, r. 7 *Regulation respecting alcoholic beverages made and bottled by holders of a distiller's permit*, C.Q.L.R., c. S-13, r. 3 *Regulation respecting the terms of sale of alcoholic beverages by holders of a grocery permit*, C.Q.L.R., c. S-13, r. 6 *An Act respecting offences relating to alcoholic beverages*, C.Q.L.R., c. I-8.1 *An Act respecting liquor permits,* C.Q.L.R., c. P-9.1 *Regulation respecting liquor permits,* C.Q.L.R., c. P-9.1, r. 5
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Is-*Société des alcools du Québec* topera bħala monopolju responsabbli għall-importazzjoni, id-distribuzzjoni, il-forniment, it-trasport, il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni tax-xorb alkoħoliku. 2. L-ebda persuna ma tista' tkun membru tal-bord tad-diretturi sakemm ma tkunx domiċiljata f'Québec.

Riżerva I-PT-155

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Servizzi ta' aġenti b'kummissjoni Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Servizzi ta' kummerċ bl-imnut Xorb
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 24 (ħlief 244), 62112, 62226, 63107
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting the Société des alcools du Québec*, C.Q.L.R., c. S-13 *Regulation respecting the terms of sale of alcoholic beverages by holders of a grocery permit*, C.Q.L.R., c. S-13, r. 6 *An Act respecting offences relating to alcoholic beverages*, C.Q.L.R., c. I-8.1
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Dawk li huma proprjetarji ta' stabbiliment f'Québec biss jistgħu jiksbu permess ta' distributur tal-birra, birrier, distillatur, produttur tal-inbid, produttur taċ-ċidru, permess għall-ħżin, għall-produzzjoni fuq skala żgħira jew produttur ta' skala żgħira. 2. Id-detenturi ta' permess ta' distillatur jistgħu jbiegħu biss il-prodotti li jipproduċu jew jibbottiljaw huma lis-*Société des alcools du Québec* ("SAQ"), sakemm ma jibgħatux tali prodotti barra minn Québec. 3. Id-detenturi ta' permess għal produzzjoni fuq skala żgħira jistgħu jbiegħu x-xorb alkoħoliku li jipproduċu fil-post fejn jipproduċuh.

Riżerva I-PT-156

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Servizzi ta' aġenti b'kummissjoni Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Servizzi ta' kummerċ bl-imnut Xorb Servizzi ta' lukandi u ristoranti
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 24 (ħlief 244), 62112, 62226, 63107, 641, 642, 643
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting liquor permits,* C.Q.L.R., c. P-9.1 *Regulation respecting liquor permits*, C.Q.L.R., c. P-9.1, r. 5 *Regulation respecting the terms of sale of alcoholic beverages by holders of a grocery permit*, C.Q.L.R., c. S-13, r. 6
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Biex jiksbu permess għal-likur skont l-*Act respecting liquor permits*, persuni li mhumiex ċittadini Kanadiżi jridu jkunu residenti f'Québec bħala residenti permanenti tal-Kanada, sakemm ma japplkawx għal permess ta' riunjoni jew permess "Man and His World" bħala rappreżentanti awtorizzati ta' gvern, pajjiż, Provinċja, jew Stat. 2. Kumpaniji jew korporazzjonijiet li mhumiex elenkati f'Borża Kanadiża jistgħu jiksbu permess biex ibigħu l-alkoħol biss jekk is-sħab jew id-diretturi u l-azzjonisti kollha tagħhom li għandhom 10 fil-mija jew aktar tal-ishma bi drittijiet sħaħ tal-vot ikunu ċittadini Kanadiżi jew ikunu qed jirrisjedu f'Québec bħala residenti permamenti tal-Kanada.

3. Għal ċerti kategoriji ta' prodotti, il-kummerċjalizzazzjoni ssir mid-detenturi ta' liċezja tal-ħwienet tal-ikel maħruġa mir-*Régie des alcools, des courses et des jeux* ("RACJ"). Il-ħwienet tal-ikel iridu jixtru x-xorb alkoħoliku minn distributur awtoritzzat.
4. Applikanti għal peremss tal-likur li mhumiex ċittadini Kanadiżi jridu juru li ilhom jgħixu f'Québec għal mill-inqas sena. Jekk applikant ikun kumpanija jew korporazzjoni mhux elenkata f'Borża Kanadiża, huwa jrid juri għal kull wieħed mis-sħab jew diretturi u azzjonisti li għandhom sjieda ta' aktar minn 10 fil-mija jew aktar tal-ishma bi drittijiet sħaħ tal-vot u li mhumiex ċittadini Kanadiżi li ilhom jgħixu f'Québec għal mill-inqas sena.
5. Persuna inkarigata biex tamministra stabbiliment għal detentur ta' permess li jawtorizza l-bejgħ jew is-servizz ta' xorb alkoħoliku għall-konsum fuq il-post irid ikollha numru tas-sigurtà soċjali Kanadiża.
6. Fir-rigward ta' permessi ta' riunjoni għall bejgħ ta' alkoħol, meta l-qligħ ta' avveniment ikun se jintuża għal korporazzjoni mhux bi skop ta' profitt li ma tkunx l-applikant għall-permess, il-korporazzjoni mhux bi skop ta' profitt irid ikollha stabbiliment f'Québec.

Riżerva I-PT-157

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Elettriċità Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 171, 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act Respecting the Régie de l'énergie*, C.Q.L.R., c. R-6.01 *Hydro-Québec Act,* C.Q.L.R., c. H-5
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Québec (inkluż permezz tar-*Régie de l'énergie* and Hydro-Québec) tista' tiffissa, tiddetermina u timmodifika r-rati, it-tariffi, il-prezzijiet u kundizzjonijiet oħra rigward il-produzzjoni, ix-xiri, it-trasport, it-trażmissjoni, il-forniment, id-distribuzzjoni, u l-bejgħ tal-enerġija elettrika. 2. Mingħajr ma titnaqqas il-ġeneralità ta' dak ta' hawn fuq, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet diskrezzjonarji bbażati fuq diversi fatturi, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew diskriminazzjoni favur ir-residenti ta' Québec jew entitajiet stabbiliti b'konformità mal-liġijiet tal-Kanada jew ta' provinċja jew territorju tagħha u li jkollhom il-post tal-attività kummerċjali jew l-operazzjonijiet sostantivi tagħhom f'Québec.

Riżerva I-PT-158

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Elettriċità Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 171, 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*An Act respecting the exportation of electric power*, C.Q.L.R., c. E-23 *An Act Respecting the Régie de l'énergie*, C.Q.L.R, c. R-6.01
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Hydro-Québec, sistemi ta' enerġija elettrika muniċipali, u sistemi ta' enerġija elettrika privati huma d-detenturi ta' drittijiet esklussivi tad-distribuzzjoni tal-enerġija elettrika. 2. L-esportazzjoni tal-enerġija elettrika minn Québec hija pprojbita. Il-*Gouvernement du Québec* jista' madankollu jawtorizza, b'digriet, dwar il-kundizzjonijiet u fil-każi li huwa jiddetermina, jawtorizza kuntratt għall-esportazzjoni tal-enerġija elettrika minn Québec. 3. Kuntratti li jirrigwardaw l-esportazzjoni tal-enerġija elettrika minn Hydro-Québec, inkluż it-transitu fuq il-bażi ta' ftehim ta' servizz ta' trasportazzjoni, iridu jiġu ppreżentati lill-amministrazzjoni pubblika għall-awtorizzazzjoni fil-każi ddeterminati mill-amministrazzjoni pubblika u soġġetti għal tali kundizzjonijiet li l-amministrazzjoni pubblika tista' mbagħad tiddetermina.

Riżerva I-PT-159

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli li jinvolvu proprjetà privata jew ta' lokazzjoni Servizzi ta' proprjetà immobbli fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, 822
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Québec
Miżuri:	*Real Estate Brokerage Act*, C.Q.L.R., c. C-73.2
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-*Real Estate Brokerage Act* timponi rekwiżiti ta' residenza lis-sensara u lill-aġenziji. Għalhekk, sensar irid ikollu stabbiliment f'Québec. Fil-każ ta' sensar li jaġixxi f'isem aġenzija, l-istabbiliment tas-sensar ikun l-istabbiliment tal-aġenzija. Għalhekk, aġenzija jrid ikollha stabbiliment f'Québec.

Riżervi applikabbli f'Saskatchewan

Riżerva I-PT-160

Settur:	Il-bejgħ, manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur u ta' motoċikli
Subsettur:	Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Il-bejgħ bl-imnut ta' vetturi bil-mutur inkluż il-karozzi u vetturi oħra tat-triq
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 61111, 61112
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Motor Dealers Act*, R.S.S. 1978, c. M-22 *The Motor Dealers Regulations*, R.R.S. c. M-22 Reg. 1
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-ebda liċenzja għal negozjant tal-vetturi bil-mutur ma tingħata jekk l-applikant għal-liċenzja ma jkollux post tan-negozju fil-Provinċja li jissodisfa lir-reġistratur u li minnu jmexxi l-kummerċ, jew parti mill-kummerċ, bħala negozjant.

Riżerva I-PT-161

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Fisheries Act (Saskatchewan), 1994*, c. F-16.1 *The Fisheries Regulations*, c. F-16.1 Reg. 1 Commercial Fishing Licensee Eligibility Requirements, Policy Number 3420.02 Commercial Fishing Co-operatives, Policy Number F & W 2003.2 Linji gwida dwar ir-rekwiżiti għall-eliġibbiltà għas-sajd kummerċjali bix-xibka
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenti ta' Saskatchewan biss huma eliġibbli li jiksbu liċenzja għal sajd kummerċjali. Il-liċenzji jistgħu jkunu ristretti għar-residenti tar-reġjun tas-sajd lokali.

Riżerva I-PT-162

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Legal Profession Act, 1990*, S.S. 1990-91, c. L-10.1 Ir-Regoli tal-Avukati (Law Society) ta' Saskatchewan
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Iċ-ċittadini Kanadiżi jew ir-residenti tal-Kanada biss huma eliġibbli għal sħubija fil-Law Society ta' Saskatchewan bħala studenti tal-liġi jew avukati. Il-membri tal-Law Society ta' Saskatchewan biss li għandhom ċertifikat tal-prattika validu jistgħu jipprattikaw il-liġi f'Saskatchewan. 2. Persuna li tkun ipprattikat il-liġi attivament f'ġuriżdizzjoni oħra tal-Kanada tista', meta tissodisfa ċerti kundizzjonijiet, tiġi ammessa bħala membru mingħajr ma tkun issodisfat ir-rekwiżiti normali. Is-sħubijiet okkażjonali huma disponibbli biss għal persuni li huma ċittadini Kanadiżi jew residenti permanenti fil-Kanada u li huma kkwalifikati biex jipprattikaw il-liġi f'ġuriżdizzjoni oħra tal-Kanada.

Riżerva I-PT-163

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Notaries Public Act*, R.S.S. 1978, c. N-8 *The Commissioners for Oaths Act*, R.S.S. 1978, c. C-16
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Ċittadini Kanadiżi li jirrisjedu f'Saskatchewan biss jistgħu jinħatru bħala nutar pubbliku għal Saskatchewan. 2. Ċittadini tal-Kanada biss jistgħu jinħatru bħala kummissarji b'setgħa li jagħti l-ġuramenti f'Saskatchewan u għal Saskatchewan.

Riżerva I-PT-164

Settur:	Turiżmu
Subsettur:	Oħrajn - servizzi inċidentali għall-kaċċa Servizzi inċidentali għas-sajd Aġenziji tal-gwidi turistiċi Kaċċa għall-kont proprju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7472, 8813, 8820, 96419
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Wildlife Act, 1998*, S.S. c. W-13.12 *The Wildlife Regulations*, c. W13.1 Reg. 1 *The Outfitter and Guide Regulations, 2004*, c. N-3.1 Reg. 3
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Persuna li tixtieq ikollha liċenzja ta' fornitur ta' tagħmir trid tkun residenti f'Saskatchewan u jkollha l-uffiċċju ewlieni f'Saskatchewan.

Riżerva I-PT-165

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli li jinvolvu proprjetà privata jew ta' lokazzjoni Servizzi ta' proprjetà immobbli fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8210, 822
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Real Estate Act*, S.S. 1995, c. R-1.3 Politiki u digrieti tar-Real Estate Commission
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Negozju ta' senserija u persuna msemmija f'ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala negozju ta' senserija jrid ikollha uffiċċju f'Saskatchewan u hija meħtieġa li jkollha kontijiet fiduċjarji f'istituzzjoni finanzjarja f'Saskatchewan għad-depożitu tal-flejjes kollha li tirċievi b'konnessjoni mal-kummerċ fil-proprjetà immobbli.

Riżerva I-PT-166

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-kaċċa Aġenziji tal-gwidi turistiċi Kaċċa għall-kont proprju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7472, 8813, 96419
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Wildlife Act, 1998*, S.S. c. W-13.12 *The Wildlife Regulations*, c. W13.1 Reg. 1
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Detentur ta' liċenzja għall-fer irid ikun residenti f'Saskatchewan. 2. Residenti ta' Saskatchewan huwa residenti tal-Kanada li għandu r-residenza prinċipali f'Saskatchewan u jkun irrisjeda fil-Provinċja għat-tliet xhur qabel id-data tal-applikazzjoni għal-liċenzja.

Riżerva I-PT-167

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Servizzi ta' logħob tal-azzard u tal-imħatri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 96492
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Alcohol and Gaming Regulation Act*, S.S. 1997, c. A-18.011 Saskatchewan Liquor and Gaming Authority Policy *The Slot Machine Act*, R.S.S. 1978, c. S-50 *The Saskatchewan Gaming Corporation Act*, S.S. 1994, c. S-18.2 *The Interprovincial Lotteries Act, 1984*, S.S. 1983-84, c. I-12.01
Deskrizzjoni:	**Investiment** F'Saskatchewan jista' jiġi operat biss tagħmir tal-logħob, inkluż terminali tal-vidjolotteriji u slot machines, li huwa proprjetà jew mikri mill-gvern ta' Saskatchewan.

Riżerva I-PT-168

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasportazzjoni tal-Passiġġieri Trasport interurban tal-passiġġieri b'servizz skedat tal-karozzi tal-linja Karozzi tal-linja mhux skedati, karozzi tal-linja mikrijin u karozzi għal skopijiet turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 71213, 71222, 71223
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Traffic Safety Act*, S.S. 2004, c. T-18.1 *The Operating Authority Regulations, 1990*, c. M-21.2 Reg. 1 Politiki tal-Bord tas-Sigurtà fuq l-Awtostrada
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Persuni li joperaw vetturi għal skop kummerċjali għall-għanijiet ta' trasportazzjoni tal-passiġġieri b'kiri fil-Provinċja jew barra minnha jeħtieġ li jkollhom Operating Authority Certificate. 2. Meta jqis applikazzjoni għal ċertifikat ta' awtorizzazzjoni operattiva jew għal emenda f'ċertifikat ta' awtorizzazzjoni operattiva, il-Highway Safety Board jista' jikkunsidra jekk l-attività proposta tkunx fl-interess pubbliku. 3. In-negozju pubbliku jista' jitkejjel permezz ta' test tal-utilità u l-bżonn pubbliku li jinkludi: (a) studju tal-adegwatezza tal-livelli kurrenti tas-servizz; (b) il-kundizzjonijiet tas-suq li jistabbilixxu l-ħtieġa għal espansjoni fis-servizz; (c) l-impatt ta' dawk li jidħlu ġodda fuq l-utilità pubblika, inkluż il-kontinwità u l-kwalità tas-servizz; kif ukoll (d) l-idoneità, id-disponibbiltà u l-kapaċità tal-applikant li jipprovdi servizz adegwat.

Riżerva I-PT-169

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Business Corporations Act*, R.S.S. 1978, c. B-10 Atti Privati tal-Leġiżlatura ta' Saskatchewan li jistabblixxu l-entitajiet korporattivi

Deskrizzjoni: **Investiment**

1. Mill-inqas 25 fil-mija tad-diretturi ta' korporazzjoni jridu jkunu Kanadiżi residenti (pereżempju ċittadin Kanadiż jew residenti permanenti), iżda jekk korporazzjoni jkollha inqas minn erba' diretturi, mill-inqas wieħed irid ikun residenti Kanadiż.
2. Jekk l-ebda wieħed mid-diretturi ta' korporazzjoni ma jkun jirrisjedi f'Saskatchewan, il-korporazzjoni għandha taħtar prokuratur biex tkun konformi mal-liġi daqslikieku l-korporazzjoni kienet korporazzjoni ta' provinċja oħra.
3. Id-diretturi ta' korporazzjoni jistgħu jaħtru minn fosthom direttur eżekuttiv li jkun residenti fil-Kanada jew kumitat ta' diretturi u tiddelega lil tali direttur eżekuttiv jew kumitat kwalunkwe mis-setgħat tad-diretturi.
4. Jekk id-diretturi ta' korporazzjoni jaħtru kumitat ta' diretturi, mill-inqas 25 fil-mija tal-membri tal-kumitat iridu jkunu residenti fil-Kanada.
5. Jistgħu jiġu imposti limiti fuq it-trasferiment u s-sjieda ta' ishma fil-korporazzjonijiet. L-objettiv huwa li korporazzjonijiet Kanadiżi jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti Kanadiżi ta' sjieda, skont ċerti liġijiet federali u provinċjali, f'setturi fejn is-sjieda hija meħtieġa bħala kundizzjoni biex joperaw jew jiksbu liċenzji, permessi, konċessjonijiet, pagamenti, u benefiċċji oħra. Sabiex iżżomm ċerti livelli ta' sjieda Kanadiża, korporazzjoni tista' tbiegħ ishma tal-azzjonisti mingħajr il-kunsens ta' dawk l-azzjonisti, u tixtri l-ishma tagħha stess fis-suq miftuħ.

Riżerva I-PT-170

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Co-operatives Act, 1996*, S.S. 1998, c. C-37.3 Atti Privati tal-Legiżlatura ta' Saskatchewan li jistabblixxu l-entitajiet korporattivi Il-prattiki u l-politiki tar-reġistratur tal-kooperattivi
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Kooperattiva jrid ikollha uffiċċju rreġistrat f'Saskatchewan. 2. Is-sħubija tista' tkun limitata għall-Kanadiżi residenti f'Saskatchewan. 3. Irid ikun hemm mill-inqas ħames diretturi u l-maġġoranza tad-diretturi jridu jkunu residenti Kanadiżi. Id-diretturi jiġu maħtura minn fost il-membri sħab fil-kooperattiva. 4. Ir-reġistratur jista' jillimita t-tip ta' negozju li kooperattiva tista' tagħmel fil-Provinċja.

Riżerva I-PT-171

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Non-profit Corporations Act*, S.S. 1995, c. N-4.2 Atti Privati tal-Leġiżlatura ta' Saskatchewan li jistabblixxu l-entitajiet korporattivi
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Mill-inqas direttur wieħed ta' korporazzjoni jrid ikun jirrisjedi f'Saskatchewan. 2. Mill-inqas 25 fil-mija tad-diretturi ta' korporazzjoni jridu jkunu residenti Kanadiżi (pereżempju ċittadin Kanadiż), iżda jekk korporazzjoni jkollha inqas minn erba' diretturi, mill-inqas wieħed irid ikun residenti Kanadiż. 3. Id-diretturi ta' korporazzjoni karitattiva ma għandhomx jagħmlu tranżazzjonijiet kummerċjali waqt laqgħa tad-diretturi sakemm il-maġġoranza tad-diretturi preżenti ma tkunx residenti Kanadiża. 4. Id-diretturi ta' korporazzjoni jistgħu jaħtru minn fosthom direttur eżekuttiv li jkun residenti fil-Kanada jew kumitat ta' diretturi u jiddelegaw lil tali direttur eżekuttiv jew kumitat kwalunkwe mis-setgħat tad-diretturi. Jekk id-diretturi ta' korporazzjoni jaħtru kumitat ta' diretturi, il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat iridu jkunu residenti fil-Kanada.

Riżerva I-PT-172

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Labour-sponsored Venture Capital Corporations Act*, S.S. 1986, c. L-0.2 *The Labour-sponsored Venture Capital Corporations Regulations*, R.R.S. c. L-0.2 Reg 1
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Korporazzjoni fejn il-ħaddiema jipparteċipaw fir-riskju tal-kapital hija meħtieġa li tinvesti l-introjtu mill-ħruġ ta' ishma primarjament fl-ishma ta' ekwità ta' negozji eliġibbli. Biex ikun eliġibbli, negozju jrid ikun jimpjega aktar minn 500 impjegat f'Saskatchewan u jħallas mill-inqas 25 fil-mija tas-salarji u l-pagi lil residenti f'Saskatchewan. 2. Il-krediti tat-taxxi huma limitati għal persuni li jħallsu t-taxxa f'Saskatchewan f'livell provinċjali u federali.

Riżerva I-PT-173

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Community Bonds Act*, S.S. 1990-91, c. C-16.1
Deskrizzjoni:	**Investiment** Id-diretturi kollha tal-korporazzjoni proposta li toħroġ obbligazzjonijiet komunitarji jridu jkunu residenti f'Saskatchewan.

Riżerva I-PT-174

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Art agrikola Prodotti tal-agrikoltura Annimali ħajjin u prodotti mill-annimali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 01, 02, 531
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Saskatchewan Farm Security Act*, S.S. 1988-89, c. S-17.1 Crown Land Lease Policy (93-10-01) Community Pasture Policy (93-12-01)
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Residenti Kanadiżi u kumpaniji agrikoli inkorporati biss ma humiex soġġetti għal limitu fil-pussess, il-kontroll dirett jew indirett jew mod ieħor ta' ġestjoni ta' art agrikola. 2. "Persuna residenti" tfisser individwu li: (a) tirrisjedi fil-Kanada għal mill-inqas 183 jum fis-sena; jew (b) hija ċittadin Kanadiż. 3. Residenti mhux Kanadiżi u korporazzjoni mhux agrikoli ma jistgħux ikunu proprjetarji jew jiksbu aggregat ta' art agrikola li jeċċedi l-għaxar ejkers u huma limitati fil-kundizzjonijiet li bihom jista' jkollhom pussess, kontroll dirett jew indirett jew mod ieħor ta' ġestjoni ta' art agrikola f'Saskatchewan. 4. Non-residenti ma jistgħux jakkwistaw interess f'art billi jipparteċipaw fi soċjetajiet limitati 5. Dawk li jrabbu l-bhejjem iridu jkunu Kanadiżi jew immigranti proprjetarji tal-art u attivament joperaw jew jiġġestixxu farm jew jikkontrollaw proprjetà f'Saskatchewan biex ikollhom lokazzjoni ta' mergħa.

Riżerva I-PT-175

Settur:	Agrikoltura
Subsettur:	Agrikoltura, estrazzjoni u manifattura Servizzi inċidentali għall-agrikoltura Servizzi ta' produzzjoni u distribuzzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 0291, 0292, 02122, 22, 8811 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Saskatchewan
Miżuri:	*The Agri-Food Act*, S.S. 2004, c. A-15.21 *The Broiler Hatching Egg Marketing Plan Regulations, 1985*, c. N-3, Reg. 1 *The Commercial Egg Marketing Plan Regulations, 2006*, c. A-15.21, Reg. 2 *The Milk Marketing Plan Regulations, 2010*, c. A-15.21, Reg. 12 *The Saskatchewan Chicken Marketing Plan, 1978*, S.R. 387/78 *The Saskatchewan Turkey Producers' Marketing Plan, 1975*, S.R. 275/75
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-produtturi huma meħtieġa li jkollhom liċenzja sabiex jipproduċu jew jikkummerċjalizzaw: bajd għat-tifqis mit-tiġieġ tas-simna; tiġieġ, bajd kummerċjali, ħalib; u dundjani. Il-produtturi liċenzjati biss jistgħu jkunu proprjetarji u jipproduċu l-kommoditajiet assoċjati ma' kull tip ta' kwota. Il-prodotti li jappartjenu għal dik il-kwota jridu jiġu prodotti f'Saskatchewan.

Riżervi applikabbli f'Yukon

Riżerva I-PT-176

Settur:	Setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Income Tax Act*, R.S.Y. 2002, c. 118
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Skont il-*Yukon Income Tax Act*,ir-residenti ta' Yukon li jinvestu f'korporazzjonijiet ta' negozju eliġibbli jiġu offerti krediti tat-taxxa għall-investiment għall-intrapriżi żgħar ta' Yukon ta' 25 fil-mija fuq l-ammont ta' ishma akkwistat. Yukon jalloka CAD $1 miljun fis-sena, għad-distribuzzjoni fuq il-bażi ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel. 2. Korporazzjonijiet ta' negozju żgħar eliġibbli jridu jissodisfaw ċerti kriterji inkluż li jkollhom stabbiliment permanenti f'Yukon, ikolhom mill-inqas 50 fil-mija tal-assi f'Yukon, u jħallsu mill-inqas 50 fil-mija tas-salarji f'Yukon.

Riżerva I-PT-177

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Legal Profession Act*, R.S.Y. 2002, c. 134
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-persuni li ġejjin jikkwalifikaw biex japplikaw biex jissieħbu fil-Law Society ta' Yukon u jirreġistraw bħala membri biex jipprattikaw il-liġi domestika: (a) persuna li tkun debitament ammessa fl-avukatura ta' provinċja jew li tkun ammessa li tipprattika bħala avukat, prokuratur jew konsulent legali (attorney, advocate, barrister jew solicitor) fi provinċja; jew (b) persuna li tkun ikkompletat 12-il xahar servizz f'Yukon fi *praticum* approvat mill-eżekuttiv.

Riżerva I-PT-178

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Nutar pubbliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Notaries Act*, R.S.Y. 2002, c. 158
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Kull persuna li tfittex li tiġi rreġistrata bħala nutar pubbliku trid tkun ċittadin Kanadiż jew persuna li għandha *status* ta' resident permanenti fil-Kanada.

Riżerva I-PT-179

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli li jinvolvu proprjetà privata jew ta' lokazzjoni Servizzi ta' proprjetà immobbli fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, 822
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Real Estate Agents Act*, R.S.Y. 2002, c. 188 *Regulation*, O.I.C., 1977/158, 1981/14, and 1990/136
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Min japplika biex isir aġent ta' proprjetà immobbli jrid: (a) ikun residenti f'Yukon għal perjodu ta' mhux inqas minn tliet xhur immedjatament qabel id-data tal-applikazzjoni; u (b) ikun ilu liċenzjat biex ibigħ f'Yukon għal mill-inqas sena qabel jippreżenta l-applikazzjoni.

Riżerva I-PT-180

Settur:	Aġenziji tal-ivvjaġġar, operaturi tal-ivvjaġġar u servizzi ta' gwidi turistiċi
Subsettur:	Aġenziji tal-gwidi turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7472
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Wilderness Tourism Licensing Act*, R.S.Y. 2002, c. 228 *General Regulation,* O.I.C. 1999/69
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Hemm għadd limitat ta' liċenzji allokati għaż-żona Glacier Bay National Park and Preserve. Il-liċenzji allokati f'Yukon huma distribwiti bil-preferenza tingħata lir-residenti ta' Yukon. 2. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-amministrazzjoni pubblika ta' Yukon tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward it-turiżmu f'żoni naturali. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri: (a) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza; (b) li jillimitaw l-aċċess għas-suq; u (c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi.

Riżerva I-PT-181

Settur:	Turiżmu
Subsettur:	Servizzi inċidentali għall-kaċċa, l-insib, il-forniment ta' tagħmir u l-gwidi turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8813, 7472, 96419
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Wildlife Act*, R.S.Y. 2002, c. 229 *Wildlife Regulations*, O.I.C. 2012/84 *Trapping Regulation*, O.I.C. 1982/283 *Parks and Land Certainty Act*, R.S.Y. 2002, c. 165 *Hershel Island Park Regulation*, O.I.C. 1990/038

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Applikanti għal konċessjonijiet għall-forniment ta' tagħmir, konċessjonijiet tal-insib u għal liċenzji tat-turiżmu f'żoni naturali jridu jkunu ċittadini Kanadiżi jew residenti permanenti li abitwalment jirrisjedu fil-Kanada. Dawk li jfornu t-tagħmir iridu jkunu f'Yukon matul il-perjodu meta jkun hemm persuni qed jikkaċċjaw fil-konċessjoni tagħhom.
2. Ċertifikat għall-forniment ta' tagħmir huwa awtorizzazzjoni annwali li tagħti permess lid-detentur li jwettaq attività kummerċjali f'konċessjoni speċifika għall-forniment ta' tagħmir. Ċertifikat għall-forniment ta' tagħmir jinħareġ lil persuna li hija d-detentur tal-konċessjoni, jew jekk mitlub, lil korporazzjoni eliġibbli nnominata mill-fornitur. Il-korporazzjoni tista' mbagħad toffri li tipprovdi servizzi ta' gwida lill-kaċċaturi. Liċenzji għal assistenti tan-nassaba u konċessjonijiet għan-nassaba jinħarġu lir-residenti ta' Yukon biss.
3. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-amministrazzjoni pubblika ta' Yukon tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet li jirrigwardaw it-turiżmu, inkluż servizzi inċidentali għall-kaċċa, l-insib, il-forniment ta' tagħmir u l-gwidi turistiċi. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri:
   (a) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza;
   (b) li jillimitaw l-aċċess għas-suq; u
   (c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi.

Riżerva I-PT-182

Settur:	Servizzi inċidentali għall-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija
Subsettur:	Ġlud u ġlud bil-ferijiet, mhux maħdumin Servizzi inċidentali għat-trobbija tal-annimali Servizzi inċidentali għall-kaċċa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 0297, 8812, 8813
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Wildlife Act*, R.S.Y. 2002, c. 229 *Wildlife Regulations*, O.I.C. 2012/84 *Trapping Regulations*, O.I.C. 1982/283 *Game Farm Regulations*, O.I.C. 1995/15 *Yukon Environmental and Socio-Economic Assessment Act*, S.C. 2003, c. 7

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Biex persuna topera farm tal-annimali tal-fer f'Yukon teħtieġ liċenzja. Ir-residenti ta' Yukon biss huma eliġibbli għal liċenzja. Ir-residenza tiġi stabbilita billi persuna tkun tirrisjedi f'Yukon għal sena skont il-*Wildlife Act*.
2. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-amministrazzjoni pubblika ta' Yukon tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-biedja, inkluż il-ġlud u l-ġlud tal-fer, is-servizzi inċidentali għat-trobbija tal-annimali u servizzi inċidentali għall-kaċċa. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri:
   (a) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza;
   (b) li jillimitaw l-aċċess għas-suq; u
   (c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi.

Riżerva I-PT-183

Settur:	Art
Subsettur:	Art agrikola, foresti u art imsaġġra oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 531, 8811 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur), 8812
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Lands Titles Act*, R.S.Y. 2002, c. 130 *Lands Act,* R.S.Y. 2002, c. 132 *Lands Regulation,* O.I.C. 1983/192 *Lands Act – Regulation to Amend the Lands Regulation,* O.I.C. 2012/159 Politika Agrikola ta' Yukon *Yukon Environmental and Socio-Economic Assessment Act,* S.C. 2003, c. 7

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Il-kumpaniji li japplikaw għall-użu ta' art agrikola jridu jkunu inkorporati fil-Kanada jew f'Yukon u l-maġġoranza tal-azzjonisti jridu jkunu ċittadini Kanadiżi jew immigranti li huma proprjetarji ta' art li jkunu ilhom residenti f'Yukon għal sena kontinwa.
2. Biex soċjetà tkun eliġibbli għal użu ta' art agrikola, trid tkun irreġistrata f'Yukon, id-diriġenti tagħha jridu jkunu ċittadini Kanadiżi jew immigranti li huma proprjetarji ta' art u jridu jkunu ilhom residenti f'Yukon għal sena kontinwa.
3. Il-maġġoranza tal-membri ta' assoċjazzjoni jew ta' kooperattiva agrikola li japplikaw iridu jkunu residenti f'Yukon.
4. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-amministrazzjoni pubblika ta' Yukon tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet li jirrigwardaw l-agrikoltura, inkluż, l-art agrikola, il-foresti u art imsaġġra oħra. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri:
   (a) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza;
   (b) li jimponu rekwiżiti ta' prestazzjoni;
   (c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi; u
   (d) li jirrigwardaw in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-maniġment superjuri u tal-bordijiet tad-diretturi.

Riżerva I-PT-184

Settur:	Art
Subsettur:	Art agrikola, foresti u art imsaġġra oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8811 (ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur), 8812, 531
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Land Titles Act,* R.S.Y. 2002, c. 130 *Lands Act,* R.S.Y. 2002, c. 132 *Lands Regulation,* O.I.C. 1983/192 *Lands Act – Regulation to Amend the Lands Regulation,* O.I.C. 2012/159 *Grazing Regulations,* O.I.C. 1988/171 Politika dwar il-Mergħa ta' Yukon *Yukon Environmental and Socio-Economic Assessment Act,* S.C. 2003, c. 7

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Biex wieħed japplika għal permess għall-mergħa:
   (a) fil-każ ta' persuni fiżiċi jridu jkunu ċittadini Kanadiżi jew ikollhom *status* ta' residenti permanenti; u jridu jkunu rrisjedew f'Yukon għal sena qabel l-applikazzjoni;
   (b) fil-każ ta' kumpaniji jrid ikollhom il-maġġoranza tal-ishma f'idejn azzjonisti li huma residenti f'Yukon; jew
   (c) il-maġġoranza tal-membri ta' assoċjazzjoni jew ta' kooperattiva agrikola jridu jkunu residenti f'Yukon.
2. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Yukon tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward l-agrikoltura, inkluż servizzi inċidentali għall-agrikoltura, servizzi inċidentali għat-trobbija tal-annimali, l-art agrikola u art imsaġġra oħra u lokazzjoni u permessi ta' art tal-Istat. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri:
   (a) li jimponu rekwiżiti ta' prestazzjoni;
   (b) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza;
   (c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi; u
   (d) li jirrigwardaw in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-maniġment superjuri u tal-bord tad-diretturi.

Riżerva I-PT-185

Settur:	Agrikoltura, forestrija u prodotti tas-sajd
Subsettur:	Produzzjoni, trasformazzjoni u trasport ta' prodotti agrikoli Prodotti tal-ikel u tal-baħar Servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi inċidentali għall-agrikoltura, il-forestrija u l-kaċċa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 01, 02, 04, 531, 881 ((ħlief il-kiri ta' apparat agrikolu bl-operatur u 8814), 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Agricultural Products Act,* R.S.Y. 2002, c. 3 *Meat Inspection and Abattoir Regulations,* O.I.C. 1988/104 Politika Agrikola ta' Yukon *Yukon Environmental and Socio-Economic Assessment Act,* S.C. 2003, c. 7
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-amministrazzjoni pubblika ta' Yukon tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-biedja, inkluż l-agrikoltura, inkluż il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, it-trasformazzjoni u t-trasport ta' prodotti agrikoli, prodotti alimentari u tal-baħar, u servizzi inċidentali għas-sajd. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri: (a) li jimponu rekwiżiti ta' prestazzjoni; (b) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza; (c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi; u (d) li jirrigwardaw in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-maniġment superjuri u tal-bord tad-diretturi.

Riżerva I-PT-186

Settur:	Agrikoltura, forestrija u prodotti tas-sajd
Subsettur:	Agrikoltura, foresti u art imsaġġra oħra Prodotti tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 03, 531
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Forest Resources Act*, S.Y. 2008, c. 15 *Forest Resources Regulation,* O.I.C. 2010/171 *Yukon Environmental and Socio-Economic Assessment Act,* S.C. 2003, c. 7

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-amministrazzjoni pubblika ta' Yukon tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet li jirrigwardaw il-forestrija, inkluż l-agrikoltura, art forestali u art imsaġġra oħra, u prodotti tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri:

(a) li jimponu rekwiżiti ta' prestazzjoni;

(b) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza;

(c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi; u

(d) li jirrigwardaw in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-maniġment superjuri u tal-bord tad-diretturi.

Riżerva I-PT-187

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Enerġija elettrika Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 171, 713, 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Waters Act*, S.Y. 2003, c. 19 *Waters Regulation*, O.I.C. 2003/58 *Environment Act*, R.S.Y. 2002, c. 76 *Quartz Mining Act*, S.Y. 2003, c. 14 *Quartz Mining Land Use Regulation,* O.I.C. 2003/64 *Security Regulation*, O.I.C. 2007/77 *Yukon Environmental and Socio-Economic Assessment Act*, S.C. 2003, c. 7

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Yukon tirriżerva d-dritt li tistabbilixxi jew timmodifika r-rati tal-elettriċità.
2. Yukon tista' tagħmel disponibbli lill-Yukon Development Corporation (jew xi sussidjarja jew korporazzjoni suċċessur tagħha) kwalunkwe faċilità jew enerġija mil-ilma li hija proprjetà jew taħt il-kontroll ta' Yukon.
3. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-amministrazzjoni pubblika ta' Yukon tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet li jirrigwardaw l-enerġija, inkluż l-enerġija elettrika u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri:
   (a) li jimponu rekwiżiti ta' prestazzjoni;
   (b) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza;
   (c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi; u
   (d) li jirrigwardaw in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-maniġment superjuri u tal-bord tad-diretturi.

Riżerva I-PT-188

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Il-produzzjoni, it-trażmissjoni, u d-distribuzzjoni tal-elettriċità Gass, fwar u ilma sħun Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 171, 713, 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Corporate Governance Act*, R.S.Y. 2002, c. 45 *Public Utilities Act*, R.S.Y. 2002, c. 186 *Yukon Power Corporation Regulations*, O.I.C. 1987/71 *Yukon Development Corporation Act*, R.S.Y. 2002, c. 236 *Energy Conservation Fund,* O.I.C. 1997/91 *Energy Conservation Fund Use Regulation*, O.I.C. 1998/204 *Yukon Environmental and Socio-Economic Assessment Act*, S.C. 2003, c. 7
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-amministrazzjoni pubblika ta' Yukon tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet li jirrigwardaw l-enerġija, inkluż il-produzzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni tal-elettriċità, il-gass, il-fwar u l-ilma sħun u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri: (a) li jimponu rekwiżiti ta' prestazzjoni; (b) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza; (c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi; u (d) li jirrigwardaw in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-maniġment superjuri u tal-bord tad-diretturi.

Riżerva I-PT-189

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi ta' trasport permezz ta' pipeline Trasport tal-kombustibili Trasport ta' merkanzija oħra Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 17, 713, 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Public Utilities Act*, R.S.Y. 2002, c. 186 *Yukon Power Corporation Regulations*, O.I.C. 1987/71 *Oil and Gas Act*, R.S.Y. 2002, c. 162 *Oil and Gas Pipeline Regulations* *Oil and Gas Disposition Regulations*, O.I.C. 1999/147 *Oil and Gas Licence Administration Regulations*, O.I.C. 2004/157 *Oil and Gas Drilling and Production Regulations*, O.I.C. 2004/158 *Oil and Gas Geoscience and Exploration Regulations*, O.I.C. 2004/156 *Oil and Gas Royalty Regulations*, O.I.C. 2008/25 *Yukon Environmental and Socio-Economic Assessment Act,* S.C. 2003, c. 7

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Il-Commissioner in Executive Council jista' jinnomina kwalunkwe "proġett tal-enerġija" (definit b'mod li jinftiehem li jinkludi kull pipeline taż-żejt jew tal-gass) bħala "proġett irregolat", u jippermetti li l-Ministru jimponi patti u kundizzjonijiet fir-rigward tal-proġett. Il-Commissioner in Executive Council jista' jagħti struzzjonijiet lill-Yukon Utilities Board fir-rigward ta', fost affarijiet oħra, it-tariffi tas-servizzi pubbliċi u l-ġestjoni tas-servizzi pubbliċi.
2. Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Yukon tirregola u toħroġ diversi awtorizzazzjonijiet li jirrigwardaw it-trasportazzjoni inkluż it-trasportazzjoni permezz ta' pipeline, it-trasportazzjoni ta' karburanti, u t-trasportazzjoni ta' prodotti u servizzi oħra inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri:
   (a) li jimponu rekwiżiti ta' prestazzjoni;
   (b) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza;
   (c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi; u
   (d) li jirrigwardaw in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-maniġment superjuri u tal-bord tad-diretturi.

Riżerva I-PT-190

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Żejt u gass Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija Iż-żejt grezz u l-gass naturali Servizzi ta' trasport permezz tal-pipeline
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 120, 713, 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Canada-Yukon Oil and Gas Accord* *Oil and Gas Act,* R.S.Y. 2002, c. 162 *Oil and Gas Pipeline Regulation* *Oil and Gas Disposition Regulations*, O.I.C. 1999/147 *Oil and Gas Licence Administration Regulations*, O.I.C. 2004/157 *Oil and Gas Drilling and Production Regulations*, O.I.C. 2004/158 *Oil and Gas Geoscience and Exploration Regulations*, O.I.C. 2004/156 *Oil and Gas Royalty Regulations*, O.I.C. 2008/25 *Yukon Environmental and Socio-Economic Assessment Act,* S.C. 2003, c. 7

Deskrizzjoni:

Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Yukon jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet li jirrigwardaw l-enerġija, inkluż iż-żejt u l-gass, servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, iż-żejt grezz u l-gass naturali, u servizzi tat-trasport permezz ta' pipeline. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri:

(a) li jimponu rekwiżiti ta' prestazzjoni;

(b) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza;

(c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi; u

(d) li jirrigwardaw in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-maniġment superjuri u tal-bord tad-diretturi.

Riżerva I-PT-191

Settur:	Xorb alkoħoliku
Subsettur:	Servizzi ta' aġenti b'kummissjoni Servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa Servizzi bl-imnut (likuri, inbid u birra, ħwienet tal-likuri, l-inbid u l-birra) Manifattura u trasport ta' xorb alkoħoliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 24 (ħlief), 62112, 62226, 63107, 7123 (ħlief31, 71232, 71233, 71234), 8841
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Liquor Act,* R.S.Y. 2002, c. 140 *Liquor Regulations*, O.I.C. 1977/37 *Regulations to Amend the Liquor Regulations*, O.I.C. 2010/157, O.I.C. 2012/96 *Yukon Act,* S.C. 2002, c. 7
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Yukon jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet li jirrigwardaw ix-xorb alkoħoliku, inkluż is-servizzi tal-kummerċ bl-ingrossa, is-servizzi tal-ikel bl-imnut, il-ħwienet tal-likur, inbid u birra, is-servizzi tal-aġenti bil-kummissjoni, il-produzzjoni, il-manifattura u t-trasportazzjoni tax-xorb alkoħoliku u s-servizzi ta' kummerċ bl-imnut. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri: (a) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza; (b) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi; u (c) li jirrigwardaw in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-maniġment superjuri u tal-bord tad-diretturi.

Riżerva I-PT-192

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Subsettur:	Servizzi ta' logħob tal-azzard u tal-imħatri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 96492
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Public Lotteries Act,* R.S.Y. 2002, c. 179 *Lottery Licensing Act*, R.S.Y. 2002, c. 143 *Lotteries and Games of Chance Regulations and the Diamond Tooth Gerties Regulations*, O.I.C. 1987/180 *Lottery Licensing Act – Regulation to Amend the Lottery and Games of Chance Regulations*, O.I.C. 2012/102 *Slot Machine Management Regulations*, O.I.C. 2205/32
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Yukon jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward il-logħob tal-azzard u l-imħatri, inkluż is-servizzi ta' regolamentazzjoni, il-forniturи ta' servizzi, il-manifattura, il-forniturи ta' materjali, l-operazzjonijiet u t-tiswijiet rigward l-iskemi ta' lotterija u l-magni tal-vidjolotteriji, il-logħob tax-xorti, it-tiġrijiet, il-postijiet tal-imħatri, swali tal-bingo, il-casinos u l-konkorsi promozzjonali, u li jwettqu tali attivitajiet, inkluż permezz ta' monopolji territorjali. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri: (a) li jimponu rekwiżiti ta' prestazzjoni; (b) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza; (c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew forniturи ta' servizzi Kanadiżi; u (d) li jirrigwardaw in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-maniġment superjuri u tal-bord tad-diretturi.

Riżerva I-PT-193

Settur:	Servizzi għall-intrapriżi
Subsettur:	Servizzi veterinarji għal annimali domestiċi Servizzi veterinarji oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Animal Protection Act,* R.S.Y. 2002, c. 6 *Animal Health Act,* R.S.Y. 2002, c. 5 *Occupational Training Act,* R.S.Y. 2002, c. 160
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Yukon jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet li jirrigwardaw lis-servizzi veterinarji għall-annimali domestiċi u servizzi veterinarji oħra. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri: (a) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza; u (b) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi.

Riżerva I-PT-194

Settur:	Servizzi ta' riċerka u żvilupp
Subsettur:	Riċerka u servizzi ta' żvilupp sperimentali dwar ix-xjenzi naturali u l-inġinerija Riċerka u servizzi ta' żvilupp sperimentali dwar ix-xjenzi naturali u l-istudji umanistiċi Riċerka interdixxiplinari u servizzi ta' żvilupp sperimentali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 851, 852 (lingwistika u lingwi biss), 853
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Yukon
Miżuri:	*Scientists and Explorers Act,* R.S.Y. 2002, c. 200 *Historic Resources Act,* R.S.Y. 2002, c. 109 *Archaeological Sites Regulation*, O.I.C. 2003/73 *Wildlife Act*, R.S.Y. 2002, c. 229 *Wildlife Regulations*, O.I.C. 2012/84 *Languages Act,* R.S.Y. 2002, c. 133 *Yukon Environmental and Socio-Economic Assessment Act,* S.C. 2003, c. 7

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

Il-miżuri ta' hawn fuq jippermettu li l-Gvern ta' Yukon jirregola u joħroġ diversi awtorizzazzjonijiet rigward servizzi ta' riċerka u żvilupp dwar ix-xjenza naturali u l-inġinerija, ix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, ir-riċerka interdixxiplinari servizzi ta' żvilupp sperimentali. Dan jista' jinvolvi, fost affarijiet oħra, li jsiru miżuri:

(a) li jimponu rekwiżiti ta' prestazzjoni;

(b) li jillimitaw is-sjieda fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza;

(c) li jiffavorixxu persuni Kanadiżi jew fornituri ta' servizzi Kanadiżi; u

(d) li jirrigwardaw in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-maniġment superjuri u tal-bord tad-diretturi.